ĠUNJU-LULJU 2005 • IL-25 SENA • GĦADD 251 • NEWSPAPER POST • IISN 1811-5373

# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN





Qoxra:
Affresk tat-Trinità


**BORD EDITORJALI**
Leonard Falzon OFMCap (Direttur u Editur)
Andrè Azzopardi OFMCap (Viċi-Editur)
Krispin Tabone OFMCap
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Dorian Holland OFS
Robbie Mamo



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone - Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - Tel: 2144 0083

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



© Dawl Franġiskan 2005
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini


**Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur

**Ċentru Missjoni Kapuċċini**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Floriana - VLT 14**

# WERREJ

















3 **L-Imnarja - Dawl li għadu jixgħel**
minn P. Leonard Falzon OFMCap

4 **Il-Fdal ta' Iżrael**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

9 **Ġifra**
minn Br Eric Vella OFMCap

10 **Jum il-Missjoni tal-Kapuċċini**
minn Valerie Martinelli Lofaro

12 **Is-sehem ta' l-Adulti fil-logħob tat-tfal**
minn Colin Calleja

14 **Katekeżi fuq l-Ewkaristija**
minn P. Martin Micallef OFMCap

16 **Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin (26)**
minn Br Andrè Azzopardi OFMCap

18 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

19 **Mużew Provinċjali**

20 **It-Tarka u x-Xabla**
minn Dr Tonio Piscopo
MD, MRCP (UK), DTM&H (Lond.)

21 **Is-Self**
minn Dr Hugh Grima LL.D.

22 **Viżta fraterna fil-Viċi Provinċja - Kenja (1)**

25 **Lejn Alla bl-Isport (14)**
minn Joe Attard

26 **Kuba**
minn P. Philip Cutajar OFMCap

27 **Kariżma Franġiskana (4)**
minn P. Frans Abela Giusti OFMCap

28 **Islam: Il-Ħames Kolonni**
minn P. Joe Buttigieg OFMCap

30 **Tisliba u Rokna għat-Tfal**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Vokazzjonijiet**

32 **Boroż ta' Studju**



# L-IMNARJA

# Dawl li għadu jixgħel

**"O Alla li tista' kollox, li l-Appostli qaddisa tiegħek, Pietru u Pawlu, tawk ġieħ bix-xhieda tagħhom: agħmel li l-Knisja tiegħek, imsaħħa bit-tagħlim u l-eżempju tagħhom, u magħquda bl-Ispirtu tiegħek, tibqa' dejjem wieqfa fuq il-blata li hu Ġesù Kristu, li hu Alla u miegħek igħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Amen"**

Din ta' fuq hija t-talba li għal xi żmien kienet il-waħda uffiċjali tal-Knisja fil-festa tal-martirju ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl. Għalina l-Maltin din hijameqjusa bħala l-festa ta' l-Imnarja.

F'din it-talba nsibu elementi siewja li joffrulna fuq xiex nirriflettu u nattwaw f'għemilna. Ċert li Alla, fil-kobor tiegħu, japprova li aħna nagħtuh ġieħ. Dan il-ġieħ lil Alla m'hu se jżiedlu xejn, iżda mhux hekk għalina. Meta jiena/aħna, b'għemilna nkunu ta' ġieħ lil Alla jfisser li dak li għamilna huwa s-sewwa, li Alla jistimulana għalih u japprova. Minn dak li hu sewwa, l-ewwel li jibbenefika mlnnu hu dak ll Jagħmlu: Intl, Jlen... Dan f'ħaJJltna Jseħħ biss meta r-rieda t'Alla, kif murija fl-Evanġelju, titwettaq f'dak li naħsbu, ngħidu u nipproġġettaw.

L-Appostli Pietru u Pawlu għoġbu lil Alla bix-xhieda li taw permezz tal-Kelma (il-predikazzjoni ta' l-Aħbar it-Tajba) li ssiġġillaw b'ħajjithom. Huma kienu dawl. Huma stess iltaqgħu ma' Ġesù Kristu (il-Kelma t'Alla) u laqgħuh f'qalbhom billi kienu ta' qadi għall-popli li għexu fosthom u magħhom. Dawk minna, li mnebbħa mill-Kelma t'Alla u mhux mill-istint egoistiku ta' akkwist ta' flus, prestiġju jew poter, li huma elementi għal kollox f'konfront ma' l-Evanġelju, ikunu qegħdin isarrfu Ewkaristija minn ċelebrazzjoni f'azzjoni. Dawn jippreżentaw ruħhom għal qadi ta' min hu fil-bżonn bla ebda pretenzjoni li jroddulhom lura. Ikunu ta' dawl għal min ikun fid-dell jew fid-dlam. Ikunu nsara. Ikunu qegħdin jagħmlu festa f'qalbhom għax iġarrbu l-ferħ.

Il-proposta ta' Ġesù lil kull min jagħżel li jgħix l-Evanġelju hija li jkun dawl għall-oħrajn: **"Intom id-dawl tad-dinja; ma tistax tinħeba belt li qiegħda fuq għolja. U ma jixegħlux musbieħ u jqegħduh taħt il-kejl, imma fuq l-imnarja biex jagħti d-dawl lil kull min hu fid-dar. Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem in-nies, biex jaraw l-għemil tajjeb tagħkom u jfaħħru 'l missierkom li hu fis-smewwiet" (Mt 5:15-16)**.

L-isem imnarja jaf l-oriġini tiegħu, skond uħud, lill-kelma luminaria, li tfisser mixegħla. L-Imnarja, li l-isfond tagħha huwa fis-silta ta' l-Evanġelju ta' fuq, hija l-festa tal-martirju ta' San Pietru u San Pawl, 29 ta' Ġunju, u msejħa hekk għax fiha kienet issir mixegħla fuq is-swar ta' l-Imdina.

Din l-okkażjoni toffrilna stedina li fil-kobor tal-protagonisti tal-festa, l-Appostli Pietru u Pawlu, inkunu aħna wkoll strument li jdawwal lill-familja Maltija, il-postijiet tax-xogħol u ta' rikreazzjoni bi mġiba li tirrifletti dawl li għadu jixgħel.

**Missier qaddis, agħmel li aħna wkoll nimxu fuq l-eżempju ta' l-Appostli tiegħek u nosservaw bil-fedeltà l-Evanġelju ta' Kristu.** •



# IL-FDAL TA' IŻRAEL

**Fil-Bibbja, l-aktar fil-kotba tal-Profeti, jissemma ħafna "il-fdal ta' Iżrael". Il-profeti jagħtuh importanza fit-tħabbir tagħhom. Imbagħad San Pawl ukoll jibni duttrina sħiħa fuq il-kunċett tal-fdal ta' Iżrael. Tajjeb inkunu nafu sewwa x'fehmu jfissru b'din l-espressjoni.**

Nibdew bil-kelma "fdal" (bil-Lhudi xe'ar). Din hi kelma li tidħol fil-vokabularju tal-gwerer u tfisser 'il ftit nies li jibqgħu ħajjin wara xi taqbida qalila jew wara l-waqgħa ta' xi belt f'idejn l-għedewwa. L-akbar telfa kienet tkun jekk l-għadu rebbieħ kienx jasal biex jeqred għal kollox il-poplu jew ir-razza u ma jħallilux tama li jerġa' jqum (ara Is 14:22; Ġer 11:23; Eżek 25:16). Kienet tkun qerda totali, mewt għal dejjem bħal dik ta' Sodoma u Gomorra (Is 1:9; 2Pt 2:6).

It-tema tal-fdal ta' Iżrael tidħol sewwa fir-Rivelazzjoni tal-Pjan ta' Alla, li hu pjan ta' salvazzjoni. Alla ħalaq il-bniedem mhux għall-mewt iżda għall-ħajja. Imma l-bniedem għażel il-mewt meta għażel li ma joqgħodx għal-liġi ta' Alla u għoġbu jinqata' minnu li hu l-għajn tal-ħajja. Madankollu Alla ndaħal biex isalvah. Hawn jibda d-dramm tas-salvazzjoni.

Billi l-bniedem rasu iebsa u mqareb bħal tifel bla għaqal, baqa' jimxi fit-triq tat-telfien. Biex ireġġgħu lura u jqabbdu t-triq tas-salvazzjoni, Alla, bħal missier twajjeb, kellu ħafna drabi jaqbad il-bastun u jsawwat bih 'l ibnu mqareb mhux biex jeqirdu, imma biex isalvah (Lhud 12:7). Bħal bidwi li jiżbor is-siġra u jqaċċat minnha l-friegħi mhux biex joqtolha, iżda biex jagħtiha ħajja ġdida (Ġw 15:2).



Din hi l-figura tar-rakkonti tal-kastigi ta' Alla li fuqhom naqraw ħafna fil-Bibbja. Il-kastig, fejn hemm bżonn, hu l-metodu tal pedagoġija ta' Alla għas salvazzjoni tal bniedem. Biex isalva, jelimina. Jiżbor, iqaċċat, isawwat imma jħalli l-fdal biex fuqu jibni mill-ġdid u bih jibda ħolqien ġdid.

Dan hu s-sens ta' l-istorja tad-Dilluvju (Ġen 6-8). Qerda totali ta' dak il-poplu kollu barra minn Noè u l-ftit membri tal-familja tiegħu. Minn dan il-fdal il-Mulej beda familja ġdida ta' bnedmin. Hekk tkompli l-istorja ta' Iżrael mis-sejħa ta' Abraham 'il quddiem. Abraham ukoll, u l-familja tiegħu, kienu fdal, għax meta Alla għażel lilu, warrab l-oħrajn kollha.

Imma l-istorja tal-fdal daħlet l-aktar fi żmien is-slaten ta' Iżrael u ta' Ġuda u saret tema dominanti fit-tħabbir tal-profeti li dehru fi



żmienhom. Fil-biċċa l-kbira tagħhom, is-slaten kienu ħżiena; mexxew ħażin il-poplu u begħduhom minn Alla u mil-liġi tiegħu. Kif kienet miexja l-istorja, kien jidher ċar li kienet se twassal għall-waqgħa tas-saltna u għall-qerda tal-poplu. Dan ħabbruh il-profeti. Imma ħabbru wkoll li kellu jibqa' fdal ċkejken mill-poplu, li bih Iżrael jerġa' jqum b'ħajja ġdida.

Il-kastig wasal fis-sena 578 QK bil-waqgħa ta' Ġerusalemm u bl-eżilju tal-poplu f'Babilonja. Iżrael intemm kważi għal kollox. F'għajnejn il-bnedmin ma kinitx tidher tama ta' qawmien. Imma fil-pjan ta' Alla, l-eżilju sar biex il-poplu jindem u jissaffa u minnu joħroġ fdal li jkun il-bidu ta' poplu ġdid.

**"U jiġri dakinhar li l-fdal ta' Iżrael u l-bqija ta' dar Ġakobb ma jibqgħux iżjed jistrieħu fuq min sawwathom... Fdal jerġa' lura, il-fdal ta' Ġakobb lejn Alla, il-Qawwi tagħhom"** (Is 12:20-21). Hekk ukoll profeti oħra fissru l-kastig ta' l-eżilju ta' Babilonja (Ġer 23:3; Mik 4:7 u oħrajn). U hekk sar

Fid-dawl ta' l-interpretazzjoni profetika ta' l-istorja nistgħu nagħżlu tliet aspetti tal-fdal ta' Iżrael:

a) Il-fdal storiku – dawk 'il ftit li baqgħu ħajjin u reġgħu lura f'arthom wara l-eżilju (Is 4:22, 37; Ġer 23:3-8);
b) il-fdal eskatoloġiku – dawk li fl-aħħar jiem jaslu għas-salvazzjoni mwiegħda lil Iżrael (Mik 5:6-7; Sof 3:11-13);
c) il-fdal messjaniku – dawk li bil-ħarsien tal-liġi ta' Alla jerġgħu jqajmu u jibnu l-poplu tiegħu, Iżrael. Dan il-fdal hu ppersonifikat fil-figura kollettiva tal-"Qaddej tal-Mulej", li "jqajjem it-tribù ta' Ġakobb u jreġġa' lura l-fdal ta' Iżrael" (Is 29:3-6; 53:10-12).

Aktar tard il-profeti ħarsu 'l quddiem lejn iż-żmien li fih mal-fdal ta' Iżrael jingħaqdu l-ġnus pagani wkoll u jsiru flimkien il-poplu wieħed ta' Alla. **"Jiena nibgħat lil xi wħud mill-fdal ta' Iżrael għand il-ġnus... u lejn xtut imbiegħda li qatt ma semgħu bija"** (Is 66:19; Iak 9:7).

Din in-nota ta' l-aħħar iddaħħalna fit-tema tal-fdal ta' Iżrael fit-Testment il-Ġdid. L-awturi tat-Testment il-Ġdid jagħrfu li l-fdal messjaniku mħabbar mill-profeti seħħ bl-opra tal-Messija Ġesù (Lq 13:29; Rum 2:28; Gal 6:16).

Hu l-aktar San Pawl li jiżviluppa dan il-kunċett f'Rm 9:11. Bis-saħħa tal-ftit Lhud li emmnu f'Ġesù Kristu – li f'sens messjaniku huma l-fdal ta' Iżrael – seħħew il-wegħdiet ta' Alla lil Abrahm u l-barka għaddiet lill-popli kollha li emmnu f'Ġesù Kristu. Il-pagani li emmnu ngħaqdu magħhom u saru flimkien magħhom Iżrael il-ġdid. San Pawl iġib l-eżempju tal-fergħa ta' żebbuġa salvaġġa li titlaqqam fis-siġra t-tajba. Hekk il-pagani bil-fidi tagħhom f'Ġesù Kristu saru ħaġa waħda mal-ftit Lhud Insara u permezz tagħhom daħlu fil-poplu l-ġdid ta' Alla.

Il-fdal veru ta' Iżrael hu fuq kollox Ġesù Kristu nnifsu, nisel Abraham, u miegħu l-ftit mil-Lhud li emmnu fih. Dan hu l-fdal ta' Iżrael fis-sens messjaniku u Nisrani. Minnu ħareġ Iżrael il-ġdid, magħmul mil-Lhud u l-pagani li emmnu fi Kristu. •



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA...

**Fi ktieb li ġie f'idejja dan l-aħħar qrajt dan il-kliem: *"The faith of many people collapses and the loyalty of many people grows cold because they have not thought things out and thought them through."* Dak li l-awtur tal-ktieb jgħid dwar x'jista' jiġrilha l-fidi tan-nisrani jekk ma jagħrafx jaħseb dwarha u jaħseb fil-fond, hekk jiġrilha ħajjitna jekk ma nagħrfux naħsbu bis-serjetà dwar il-fatti li jkunu qegħdin jiġru madwarna.**

## SENA EWKARISTIKA

Kif nafu l-Papa Ġwanni Pawlu II, wara li kien ħareġ l-Enċiklika *Ecclesia de Eucharistia* f'April 2003, f'Ottubru tas-sena l-oħra ppubblika Ittra Appostolika *Mane Nobiscum, Domine* li biha fetaħ uffiċċjalment is-sena ta' l-Ewkaristija, li tagħlaq f'Ottubru li ġej.

It-tnax-il xahar dedikati għall-Ewkaristija jisfidawna biex naraw x'minnha l-fidi u l-qima tagħna lejn dan il-misteru kbir tar-reliġjon li nistqarru.

Ngħiduha kif inhi: hawn ħafna abbużi fil-konfront ta' l-Ewkaristija, abbużi mhux fost ċerti fidili biss, imma saħansitra fost xi saċerdoti u persuni kkonsagrati 'l Alla b'titlu ġdid u speċjali. Hawn nuqqas ta' rispett lejn Kristu fl-Ewkaristija li hemm bżonn ilkoll kemm aħna nintebħu bih u nikkoreġuh.



Huma ftit dawk li jafu jitqarbnu sew fuq idejhom u anki mhux fuq idejhom. Il-mod kif nitqarben, kif nieħu l-ostja minn fuq il-pala ta' idejja x-xellugija; il-mod kif niftaħ ħalqi u noħroġ ilsieni juru kemm għandi qima jew le lejn l-Ewkaristija; il-manjiera li biha nitla' nitqarben biċ-*chewing gum* f'ħalqi jew bis-swaba ta' jdejja fiċ-ċinta tal-qalziet; id-dehra ta' bniedem jarmi s-saħħa tiela' jitqarben qisu mitruħ juru li ħafna nsara ma tantx għandhom idea kbira ta' Kristu preżenti realment fl-Ewkaristija.

Anki l-verità li ħafna ma jgħidux Amen malli s-saċerdot jgħidilhom: Il-ġisem ta' Kristu jew inkella jgħiduha minn taħt l-ilsien jew bla ebda enerġija spiritwali tirrifletti nuqqas ta' twemmin fl-Ewkaristija.

Ħaġa oħra. Ġaladarba t-tqarbin jaħbat fl-aħħar tal-quddiesa, din il-ħaġa ma tantx tgħin lin-nies biex jibqgħu fil-knisja biex jagħmlu r-ringrazzjament. Imma mhux sew wieħed għadu kemm jitqarben, tarah joħroġ bil-ġiri mill-knisja, imur jixtri l-pastizzi minn fuq jew minn taħt iz-zuntier u erħilu joqgħod jiekolhom fost ħafna ċajt u tpaċpiċ ma' sħabu. Lanqas ma hu sew li wieħed nhar ta' Ħadd ifittex jitqarben ħalli jmur lura f'postu malajr kemm jista' jkun u, sakemm jispiċċa t-tqarbin, joqgħod iqalleb il-gazzetti li jkun xtara qabel ma mar il-knisja. Min jagħmel hekk għadu ma jafx kemm hi ħaġa sabiħa u qaddisa tinġabar fik innifsek wara li titqarben u tħalli l-Mulej ikellmek. Il-Kurat ta' Ars kien qal li biżżejjed tqarbina waħda biex tagħmilna qaddisin. Forsi mhux veru?

Lanqas hu sew li xi wħud ma jridux jitqarbnu kif titlobhom li għandhom jitqarbnu l-Knisja bil-liġijiet liturġiċi tagħha, jiġifieri li jħallu s-saċerdot ipoġġilhom l-ostja fuq il-pala ta' idejhom ix-xellugija u mbagħad jaqbduha bid-devozzjoni biż-żewġt iswaba tat-tarf ta' idhom il-leminija u jitqarbnu biha. Xi wħud imma qabel ma jitqarbnu tarahom ibusu l-ostja jew l-ostja jaħtfuha b'ħalqhom minn fuq il-pala ta' idejhom jew iroddu s-salib biha qabel ma jitqarbnu biha... Irridu nifhmu li iżjed ma nagħmlu bħalma suppost jagħmlu l-bqija tan-nies, iżjed jaqbel lilna. Din il-ħaġa tirrifletti sew fuqna.

Il-konferenzi, il-korsijiet, is-seminars u l-irtiri fuq l-Ewkaristija matul din is-sena dedikata lill-Ewkaristija huma bżonnjużi ħafna. Mingħajr tagħlim ma nistgħux napprezzaw il-kontenut tal-fidi tagħna. Imma d-diskors jekk ma jwassalniex biex inbiddlu l-atteġġjamenti u l-imġiba fil-kuntatt tagħna ma' Kristu fl-Ewkaristija ma jkun jiswa' xejn.

Min hu responsabbli jrid itambar ta' spiss - naturalment mingħajr tgħajjir, imma b'ħafna ħerqa pastorali - fuq dak li ġbidt l-attenzjoni dwaru f'din ir-riflessjoni.

**Mulej, ġagħlni nifhem li l-mod u l-manjiera li bihom nitla' nitqarben minnhom infushom juru nemminx jew le fl-Ewkaristija.**

## AĦJAR MILL-*COUCH* TAL-PSIKJATRA

Tletin sena ilu kien ġie ppubblikat ktieb mitqlu deheb bit-titlu *The Triumph of the Therapeutic.* Philip Rieff, l-awtur tal-ktieb, isostni li l-fatt li ħafna nies qegħdin ifittxu fejqan privat ġej prinċipalment mill-fatt l-ieħor li s-sens komunitarju naqas fostna. F'dawk il-parroċċi u lokalitajiet fejn hemm sens qawwi ta' komunità, l-insara u n-nies tal-post ma tantx ifittxu l-psikjatra. Il-problemi li jinqalgħulhom ħafna drabi jsolvuhomlhom sħabhom stess tal-komunità. Għandna l-kelma ta' Alla li sseddaq dan kollu: **"Ħuk imweġġa' jsir għalik bħal belt qawwija" (Prov 18:19)**. Il-bniedem ta' llum imtaqqal kif inhu bil-problemi tal-ħajja għandu bżonn it-terapija permezz ta' l-involvement tiegħu fil-ħajja pubblika. Għandu bżonn joħroġ minn over-concentration u jidħol tassew fil-ħajja tal-komunità, jiġifieri f'relazzjonijiet ta' intimità f'postha.

Ir-ritmu u s-saħħa emozzjonali li toffri l-komunità ma joffruhomx biss is-seduti analitiċi, psikoterapewtiċi u d-*drugs*. Nies morda b'depressjoni, ossessjonijiet, paranoja u l-bqija żgur jibdew ifiqu, malli jibdew jidħlu fil-ħajja tal-komunità u jieħdu sehem attiv fiha, għalkemm dan ma japplikax għal kull każ. Dan jiksbuh żgur bis-saħħa tal-komunità bla ma jberbqu flushom għand ċerti professjonisti.

Għalina l-insara dak li qed nipprova ngħid ifisser li l-ħajja ekkleżjali, il-ħajja tal-parroċċa għandha kapaċità enormi biex tfejjaq l-emozzjonijiet morda tagħna.

F'artiklu istruttiv fuq l-Osservatore Romano, edizzjoni Ingliża, qrajt dan li ġej: *"We become emotionally well, steadier, less obsessed, less slave of our own restlessness, and more able to become who and what we want to be by participating within the life of the Church. Monks, with their monastic rhythm, have long understood this: namely, that program, rhythm, public participation, the demand to show up, and the discipline of the community bell have kept many a man and woman sane, not to mention relatively happy. Regular reception of the Eucharist, regular prayers with others, regular church meetings, and regular duties and responsibilities within a community or family not only nurture the soul, but also keep us sane and steady. Private therapy can sometimes be helpful in supplementing this, but Church life, with its regular rhythms and demands, can help provide a steadiness that's not available on a therapist's couch."*

Il-Knisja tibqa' dejjem post ta' salvazzjoni!



**Mulej, nemmen li inti waqqaft il-Knisja biex tkun qawwa ta' salvazzjoni, l-aktar bil-liturġija organizzata tagħha.**

## DJAR INDAF IMMA MAĦMUĠIN

Fil-preżent hawn ħafna diskors fuq l-ekoloġija. Hemm ħafna



bżonn inżommu l-ambjent ta' madwarna nadif. Il-Ministeru tal-biedja u l-ambjent, is-Sinodu Djoċesan u d-diversi Għaqdiet li qegħdin jaħdmu għall-ambjent iżjed f'saħħtu, kollha jħeġġuna biex nagħmlu hekk. *Bill Boards* fit-toroq jagħmlu l-istess u stickers ta' xummiemu kienu xebgħu jtambrulna dwar hekk. Fejn hemm l-indafa hemm il-paċi.

F'Malta u Għawdex hawn ħafna djar mqaxxrin. Il-kapaċità tal-mara Maltija u Għawdxija biex iżżomm darha nadifa tazza hija magħrufa biżżejjed, anki 'l barra minn xtutna. Iva, djarna huma ndaf pupilla. Dan huwa sinjal tajjeb ħafna, għalkemm anki barra mill-għatba ta' djarna rridu nżommuh nadif, għax barra huwa tagħna wkoll.

Imma d-dar fejn ngħammru trid tkun nadifa mhux materjalment biss, imma anki spiritwalment. Kemm għandna djar nodfa materjalment, imma maħmuġin spiritwalment! Huma mniġġsin għaliex fihom jidwi kliem vulgari, kliem pastas. Fihom jirbombja d-dagħa u ġieli dagħa waħxi u faħxi.

X'jiswa li jkollna djar nodfa li jwerċu lill-barranin li jidħlu fihom, jekk ikun nieqes fihom l-isbaħ u l-aqwa element estetiku: il-preżenza ta' Alla meta naħu li d-dar suppost tkun knisja fejn jgħammar il-Mulej! •

**Mulej, agħmel li qatt ma ninfetta s-santwarju ta' dari bi kliem iblah u b'aġir li jmur kontra t-tieni kmandament.**



# APPOSTOLAT TAT-TALB

Intenzjonijiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għas-sena 2005.

## L-OFFERTA TA' KULJUM

O Qalb ħanina ta' Ġesù, kull ma nitlob, kull ma nagħmel u kull ma nġarrab f'dan il-jum, jgħaddi għalik mill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija għat-tpattija ta' dnubietna, tad-dagħa li bih hu mżeblaħ l-isem imqaddes tiegħek; u għall-fehmiet kollha li inti għandek f'kull quddiesa li titqaddes. Noffrihomlok fuq kollox għall-fehmiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għal dan ix-xahar.

## ĠUNJU

- **BIEX is-soċjetà tagħna tgħin, b'ġesti konkreti ta' mħabba nisranija u fraternità, lill-miljuni ta' rifuġjati li jinsabu f'kundizzjonijiet ta' faqar estrem u ta' abbandun.**
- **BIEX is-sagrament ta' l-Ewkaristija jkun dejjem aktar magħruf bħala l-qalb tħabbat tal-ħajja tal-Knisja.**
- **BIEX il-familji tagħna jagħrfu jgħixu bl-aħjar mod il-konsagrazzjoni tagħhom lill-Qalb Divina ta' Ġesù u l-Qalb Immakulata ta' Marija.**

## LULJU

- **BIEX l-Insara jkunu attenti għas-sensibilità u l-ħtiġijiet ta' kulħadd, mingħajr qatt ma jaħbu dak li jitlob minnhom il-messaġġ Evanġeliku.**
- **BIEX l-imgħammdin kollha jimpenjaw ruħhom, skond l-istat tagħhom fil-ħajja, ħalli jġibu bidla fis-soċjetà billi jxerrdu d-dawl ta' l-Evanġelju fil-mentalità u fl-istrutturi tad-dinja.**
- **BIEX it-turisti, li jżuru pajjiżna fil-btajjel tas-sajf, jibqgħu edifikati bl-imġiba tagħna bħala Kattoliċi.**



## IŻŻURNA OĦNA L-MEWT

B'tifkira għażiża ta' Caterina Calleja li mietet fil-11 t'April 2005 fl-età ta' 90 sena. Gawdewha matul ħajjitha wliedha fosthom Patri Valentin OFMCap., il-familji tagħhom, ħuha, neputijiet, qraba u ħbieb.

**Agħtiha Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.**

# WAQAFT U STAQSEJT...



**Waqaft u ħarist lejn l-infinità tal-baħar... rajt fil-bogħod l-orizzont iffurmat mill-kobor ta' sema li kien qed imiss mal-baħar Mediterran. Fil-kobor ta' dik l-enormità żiffa ħelwa ħassejtha tmellissni bil-mod. Xi ġmiel... ma flaħtx inlissen kelma, imma stajt biss nieħu nifs 'il ġewwa u nitpaxxa b'dak il-ġmiel. Bħal smajt lis-Salmista fuq l-arpa jdoqq u jkanta Salm 104: *"Kemm huma kotrana l-għemejjel tiegħek Mulej! Kollha bl-għerf għamilthom ... dan il-baħar ta' kobor u wisa' bla tarf..."***

Iva, dan il-ġmiel qegħdin imdawrin bih f'kull post, f'kull ħin, ma' kull persuna li niltaqgħu int u jien. Imma ġieli ġralkom bħali? Xi drabi mhux dejjem nagħraf dan il-ġmiel, mhux dejjem napprezza u nitpaxxa bil-ħolqien. Għaliex? Ħeqq, ikun hemm mumenti meta l-istess ħajja mgħaġġla ma tantx tippermettilna nieqfu u niggustaw il-ħolqien, kemm il-ġmiel tan-natura kif ukoll il-ġmiel ta' xulxin.

Xi kultant inħossni bħal dawk l-insetti li jerdgħu d-demm mill-bnedmin. Naħseb li jien u anki intom xi drabi hekk nagħmlu, nieħdu li għandna bżonn mingħand in-nies imbagħad daqshekk, ma jinteressaniex iżjed, l-aqwa li nqdejt jien!

Staqsejt għaliex xi ħadd jużak l-ewwel għall-pjaċir biex jissoddisfa lilu nnifsu u mbagħad jarmik? Il-qalb tweġġa' f'mumenti bħal dawn, imma ma nistax noqgħod naħli l-ħin nara kif se npatti lura għax b'daqshekk ma nieħu xejn. F'mumenti bħal dawn irrid nibda jien. Kif? Nipprova niftakar li dawk li nikkomunika magħhom huma nies li għandhom qalb u dak li ma rridx li ħaddieħor jagħmel lili lanqas m'għandi nagħmlu jien. Ma nistax nuża lil ħaddieħor għas-sodisfazzjon personali tiegħi jew minħabba l-egoiżmu tiegħi, imma rrid nibda nilmaħ fihom dak li Alla ħalaqhom għalih.

Iva, Alla ħalaqna skond ix-xbieha tiegħu – issa jekk nafu li dak li ħalaq Alla hu sabiħ, kif nistgħu lill-proxxmu tagħna nużawh għas-sodisfazzjon tagħna biss? Irridu nibdew niskopru dan il-ħmiel u rispett lejn xulxin għax Alla jinsab fina u f'dawk li niltaqgħu magħhom. •

"Ejjew, ħbieb, inkomplu niskopru u ngħixu dan il-ġmiel."





# JUM IL-MISSJONI TAL-KAPUĊĊINI





**Kienet okkażjoni sabiħa meta nhar it-8 ta' Mejju 2005 aħna lkoll, b'mod speċjali l-ħbieb tar-rivista Dawl Franġiskan, konna mistiedna sabiex nattendu għall-quddiesa fil-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana, b'radd ta' ħajr għall-ħidma li ħutna qegħdin iwettqu f'art imbegħda. Iċ-ċelebrazzjoni tmexxiet mill-Isqof tad-Djoċesi ta' Malindi, il-Kenja, Mons. Francis Baldacchino. Jassistu lill-Isqof kien hemm il-Vigarju Provinċjali, Patri William Axiaq u l-missjunarju Fr Hilary Abela, flimkien ma' għadd ta' Kapuċċini oħrajn.**

Fl-introduzzjoni tiegħu l-Isqof beda' billi semma' li x-xogħol tal-missjunarju m'huwiex biss dak li jwettaq is-Sagramenti, iżda dan meta jasal għall-ewwel darba f'irħula mhux insara jkun jeħtieġlu li l-ewwel u qabel kollox jara x'tattika se juża sabiex javviċina lit-tfal u ż-żgħażagħ (ħafna drabi bl-isport) u lin-nisa. Dan kollu sabiex jinħoloq kuntatt, jiksbu l-kunfidenza f'xulxin u ssir il-ħbiberija. Il-missjunarju mbagħad ikompli l-ħidma tiegħu billi jrawwem xi katekisti li minħabba fil-lingwa dawn ikunu ta' ġid kbir għalihom. Ma jonqosx ukoll li għall-bidu il-missjunarju jkollu jservi ta' kollox!

L-isqof kompla jgħidilna wkoll fuq ix-xogħol utli li jsir fl-iskola tal-minuri fejn huma jaħtfu l-opportunità meta jaraw li jista' jkun hemm xi ħadd li jkollu l-ħajra għal ħajja reliġjuża. Definizzjoni tajba li ta hi li, "xogħol il-missjunarju hu li jxettel sakemm tiffjorixxi'.

# "Morru, mela, għallmu l-ġnus kollha"

Dan għaliex appena jara li jkun jista' jafda x-xogħol f'idejn in-nies tal-lokal allura jkun jista' jmur jibda missjoni oħra f'raħal ieħor, l-istess bħal ma smajna fl-Evanġelju dakinhar stess **"Morru, mela, għallmu l-ġnus kollha"** (Mt 28, 19).

Iċ-ċelebrazzjoni kompliet meta bl-offerti telgħu żewġ Sorijiet Franġiskani Kenjani biż-żifna tradizzjonali u strumenti u bnadar tal-lokal. Dan kien ħsieb ħelu ħafna meta fit-talb tas-Salmi hu b'dan il-mod li aħna nfaħħru lil Alla!



Bi knisja mimlija daqs bajda u b'kant allegru, 'Jum il-Missjoni Kapuċċini' ħabat ukoll f'Jum l-Omm. Aħna li nżommu ruħna qrib ta' dawn in-nies, hekk huma jħarsu lejna bħala l-ġenituri u dawk li nieħdu ħsiebhom. Aħna li għandna għal qalbna x-xogħol tal-Missjoni u niftakru f'dawk li jitilqu arthom, għandna l-istess għan; li dejjem naraw kif nistgħu ngħinu u naqsmu l-ġid tagħna ma' ħaddieħor. L-isqof Mons. Francis Baldacchino fakkarna wkoll li konna qegħdin niċċelebraw il-festa ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema, u l-istess hekk aħna nkunu qegħdin nerfgħu 'l min hu fil-bżonn bl-għajnuna ġeneruża tagħna.

Fl-aħħar spiċċajna b'kelmtejn minn Fr Hilary Abela OFMCap li għal dawn l-aħħar erbgħin sena qeda dmiru fl-Etijopja u dawn l-aħħar snin f'Mpeketoni, il-Kenja. Fr Hilary qasam ħsieb żgħir ta' l-esperjenza tiegħu u tal-progress li sar matul dan iż-żmien; il-kultura tal-biedja, it-twaqqif tal-parroċċa, grupp ta' żgħażagħ, l-edukazzjoni, il-ftuħ tas-Sacred Heart Seconday School kif ukoll il-ħsieb li fil-viċin hemm pjan ta' bini ta' sptar li bl-għajnuna tagħna u appoġġ mill-gvern jirnexxi wkoll.

L-Isqof Mons. Francis Baldacchino u Fr Hilary għamlu ringrazzjament ġenerali u ħeġġewna sabiex nkomplu bit-talb u bl-għajnuna tagħna. •

# MISSJUNARJI KAPUĊĊINI GĦALL-BTALA F'MALTA







**Tliet missjunarji Kapuċċini Maltin fil-Viċi Provinċja, jinsabu fostna għall-ġranet ta' mistrieħ mill-ħidma missjunarja fil-Kenja.**

Mons. Pawlu Darmanin, Isqof tad-Djoċesi ta' Garissa, Fr Joe Galea, Kappillan tal-parroċċa ta' Hola u Fr Publio Mair mill-Kurja tal-Viċi Provinċja, Nairobi, jinsabu Malta għall-ġimgħat ta' mistrieħ mill-ħidma fost ħutna l-Kenjani.





# IS-SEHEM TA' L-ADULTI FIL-LOGĦOB TAT-TFAL

**Fil-ħarġa li għaddiet tkellimna fuq l-importanza tal-logħob fl-iżvilupp fiżiku, morali u psikoloġiku tat-tfal. Tkellimna wkoll fuq tipi differenti ta' logħob li jilagħbu t-tfal tagħna.**

F'din il-ħarġa nixtieq inkellimkom fuq kif aħna l-adulti nistgħu nissieħbu u nipparteċipaw ma' wliedna fil-logħob tagħhom. Dan, fost l-oħrajn, huwa importanti għaliex:

- Relazzjonijiet li jinbnew waqt il-logħob huma aktar miftuħa għal possibbiltajiet ta' tagħlim minn kull forma oħra ta' komunikazzjoni mibnija fuq dixxiplina u kastigi.
- Il-logħob huwa mod effettiv ta' komunikazzjoni mat-tfal. Waqt dawn il-mumenti aħna l-adulti nkunu qegħdin inwasslu ħafna messaġġi lil uliedna bla ħtieġa ta' ħafna priedki żejda.
- Il-logħob jagħtina wkoll l-opportunità biex napprezzaw dak li jinteressa lit-tfal u dan jinkoraġġixxi lit-tfal biex jieħdu inizjattiva, kontroll u juru l-kompitenzi tagħhom b'aktar faċilità.

Għalhekk waqt li t-tfal ikunu qegħdin jilagħbu jew se jibdew jilagħbu u jkunu jridu lil min jilgħab magħhom, bħala adulti għandna nissieħbu magħhom bla ma niddisturbaw iżżejjed u billi nirrispettaw l-ispazju tagħhom. Dan nistgħu nagħmluh billi:

- Insibu l-mument u l-logħob addattati li fihom nistgħu nipparteċipaw

Logħob esplorattiv u dak il-logħob li fih jistħajlu li huma xi ħaddieħor, per eżempju t-tifla timmaġina lila nnifisha omm, jew it-tifel jistħajjel lilu nnifsu tabib, min-natura tiegħu huwa aktar miftuħ biex adulti jissieħbu fih. Ngħidu aħna waqt logħob esplorattiv aħna nistgħu nipparteċipaw billi nesploraw l-istess materjali bl-istess mod li t-tfal ikunu qegħdin jesploraw. B'hekk inkunu qegħdin niftħu l-possibbiltà li nitkellmu mat-tfal fuq dak li nkunu qegħdin nagħmlu. Il-logħob ta' sthajjil, min-naħa l-oħra, jirrikjedi li persuni oħra jipparteċipaw u jieħdu funzjojnijiet li jiġu ddettati mit-tfal infushom. Min-naħa l-oħra l-logħob fejn it-tfal ikunu jibnu u joħolqu xi ħaġa minn xi oġġetti huwa anqas miftuħ biex persuni oħra jipparteċipaw.



## NISSIEĦBU FIL-LOGĦOB TAT-TFAL FUQ IL-LIVELL TAGĦHOM

Jekk verament irridu illi nipparteċipaw fil-logħob tat-tfal irridu nkunu kapaċi illi naraw dan il-logħob mill-perspettiva tat-tfal u nħallu lilhom jieħdu l-kontroll waqt il-logħob. Aħna nagħmlu dak li jagħmlu huma jew li jkunu jriduna nagħmlu u mhux viċi-versa, li aħna, għaliex adulti, irridu niddettaw kif irriduhom jilagħbu. Il-logħob huwa tat-tfal, aħna biss mistednin tagħhom. Meta nissieħbu fil-logħob mat-tfal inkunu qegħdin inwasslulhom il-messaġġ illi huma jistgħu jersqu lejna u aħna dejjem lesti li nkunu magħhom.



## ILGĦAB BĦALA PARTNER MAT-TFAL

Din l-istrateġija taħdem tajjeb ma' tfal li jkunu jilagħbu logħob ta' sthajjil u xi logħob illi min-natura tiegħu jitlob li jkunu aktar minn wieħed jilgħab. F'dan il-logħob huwa importanti illi l-adult jinżel għal-livell tat-tfal u joqgħod għar-regoli li jagħmlu t-tfal. Bħala sieħba (partners) fil-logħob, l adult jidħol fl-ispirtu tal-logħob, juża l-lingwaġġ tat-tfal u jirrispetta l-pass iddettat mit-tifel jew tifla u jsegwi r-regoli li t-tfal infushom ikunu ħolqu.

## ĦEĠĠEĠ BIEX IT-TFAL JILAGĦBU FLIMKIEN

Kemm jista' jkun ħeġġeġ biex it-tfal jilagħbu flimkien. Jekk verament jirnexxilek tidħol fil-logħob fl-istess livell tat-tfal ikun faċli illi tintroduċi tfal oħra fil-logħob bla ma turi illi qiegħed tagħmel dan għaliex inti adult. Meta t-tfal jilagħbu flimkien ikunu qegħdin jaraw il-ħiliet ta' xulxin, jaraw lil xulxin bħal riżors importanti u għalhekk meta jkollhom bżonn xi tip ta' għajnuna jirreferu għal xulxin kif ukoll jużaw l-abbiltajiet tagħhom għal dawk li għandhom bżonn. Fl-aħħarnett waqt dan il-logħob ma' tfal oħra jkunu qegħdin jiżviluppaw il-ħiliet kooperattivi tagħhom – jiġifieri li jkunu aktar kapaċi li jaħdmu b'mod effettiv b'mod kooperattiv.

## TISSUĠĠERIXXI IDEJAT ĠODDA F'SITWAZZJONIJIET TA' LOGĦOB EŻISTENTI

Il-funzjonitagħna bħala adultl fil-loghob tat-tfal tagħtina ċ-ċans illi nwessgħu l-iskop tal-logħob illi jkunu jilagħbu. Dawn il-mumenti jagħtuna l-opportunità illi niċċallenġjaw b'mod ġentili l-fakultajiet tal-ħsieb u r-raġunar tat-tfal u nwassluhom biex jitilgħu dik it-tarġa 'l fuq fil-kapaċitajiet intelletwali tagħhom. Sara Smilansky tissuġġerrixxi li biex nestendu l-iskop tal-logħba wieħed għandu jara li:

- Jingħataw suġġerimenti li huma fl-istess tema tal-logħba li qegħdin jilagħbu f'dak il-mument. Pereżempju, jekk it-tifel qiegħed jilgħab tat-tabib tista' ssemmi oġġetti li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tat-tabib.
- Indirizza lil persuna immaġinattiva u mhux it-tifel b'ismu. Pereżempju 'tabib, tista' tara x'għandu l-ħabib tiegħi għaliex m'huwiex iħossu tajjeb' (minflok 'Robert, ħalli lil Nicole tilgħab miegħek)
- Irrispetta r-reazzjoni tat-tifel jew tifla għall-idejat tiegħek. Dan ifisser illi inti m'għandek qatt timponi l-idejat tiegħek waqt il-logħob mat-tfal.

## KONKLUŻJONI

Bla dubju li tissieħeb fil-logħob tat-tfal hija xi ħaġa tajba u mixtieqa, iżda wieħed għandu jara illi aħna bħala adulti ma nieħdu qatt ir-rigni f'idejna, iżda nħallu lit-tfal jigwidaw il-logħob tagħhom. Aħna b'mod intelliġenti u kif fissirna qabel nistgħu nieħdu dawn l-opportunitajiet biex ngħinu lit-tfal jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom. Iżda qatt m'għandna ninsew illi aħna fil-logħob tagħhom qegħdin biss nipparteċipaw u mhux imexxu. Meta nagħmlu hekk inkunu qegħdin inwasslu l-messaġġ importanti illi huma tassew importanti u kapaċi. Dan jgħinhom jiżviluppaw f'adulti maturi li jafu meta għandhom jieħdu kontroll u meta għandhom isegwu. •



# KIENU JAQSMU L-ĦOBŻ FI DJARHOM

## L-aspett ta' Komunjoni fl-Ewkaristija (2)



**Nixtieq nikkonċentraw fuq it-tielet karatteristika tal-Knisja tal-Bidu: il-qsim tal-ħobż. Fl-ambjent Lhudi, il-qsim tal-ħobż kien ġest ritwali li bih kienet tibda l-ikla. Il-missier jew il-kap tal-familja kien jieħu f'idejh il-ħobż, irodd ħajr lil Alla, jaqsmu u jnewlu lil dawk preżenti. Jidher li dan il-ġest imur lura għaż-żminijiet tal-Profeta Ġeremija (Ġer 16:7).**



## IL-QSIM TAL-ĦOBŻ

L-espressjoni "il-qsim tal-ħobż", imbagħad, insibuha wżata ħames darbiet fil-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli:

i) f'Atti 2:42.46 tintuża bħala parti mid-deskrizzjoni tal-ħajja tal-Knisja tal-bidu f'Ġerusalemm;
ii) f'Atti 20:7.11 tintuża bħala parti minn dak li jagħmel San Pawl fiż-żjara lill-ġemgħa li kienet miġbura f'dar fi Troas;
iii) f'Atti 27:35 tintuża bħala ġest li wettaq San Pawl fuq il-ġifen ftit 'il bogħod mill-kosta tal-gżejjer Maltin.

L-użu ta' din l-espressjoni fl-Atti teħodna lura għall-ewwel kitba ta' San Luqa. Fil-miraklu tat-tkattir tal-ħobż naqraw kif **"Ġesù rafa' għajnejh lejn is-sema, bierek il-ħobżiet u qasamhom, u tahom lid-dixxipli biex inewluhom lin-nies"** (Lq 9:16). L-istess għamel Ġesù fl-aħħar ċena mad-dixxipli: "Ġesù ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newilhulhom u qal: 'Dan hu ġismi ...'" (Lq 22:19). Hekk ukoll jagħmel Kristu Rxoxt fid-dar tad-dixxipli ta' Għemmaws, meta huwa "qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom" (Lq 24:30). Huwa fid-dawl ta' episodji bħal dawn li rridu



komunjoni/għaqda meta jkompli jgħid: "Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; lkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda" (v.17).

## L-EWWEL JUM TAL-ĠIMGĦA

Fil-Kapitlu 20 tal-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli naqraw l-episodju tal-laqgħa ta' l-Insara fi Troas li wkoll sseħħ "fl-ewwel jum tal-ġmgħa" (Atti 20:7). Matul din il-laqgħa, San Luqa jinfurmana li sar "il-qsim tal-ħobż." Din l-istorja ta' Pawlu fi Troas nistgħu naqsmuha fi tliet partijiet. L-ewwel hemm l-introduzzjoni, jiġifieri, kif u fejn ġrat l-istorja meta Pawlu qasam il-ħobż: "Fl-ewwel jum tal-ġimgħa nġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż. Pawlu, li kellu jitlaq l-għada, qagħad jitħaddet ma' dawn l-Insara u dam jitkellem sa nofs-il-lejl" (Atti 20:7). Ir-referenza għall-"ewwel jum tal-ġimgħa" hawn hija sinfikattiva. Dan id-dettal ifakkarna kif tibda l-ġrajja tad-dixxipli ta' Għammaws fejn il-qsim tal-ħobż minn Ġesù ma' dawn iż-żewġ dixxipli jseħħ ukoll f'dan l-ewwel jum tal-ġimgħa. Dan hu l-jum li fih l-Insara sa mill-bidunett kienu u għadhom ifakkru l-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet.

Imbagħad hemm ir-referenza għall-"ġemgħa" - "inġbarna flimkien." Huma kienu jiltaqgħu biex jaqsmu l-ħobż. Dan kien aspett importanti ħafna sa mill-bidunett tal-Knisja. Diġà rajna fl-Atti li fejn hemm referenza għall-qsim tal-ħobż, din l-azzjoni dejjem issir f'komunità. Hekk jiġri hawnhekk wkoll. Pawlu ċċelebra l-Ewkaristija ma' din il-ġemgħa miġbura flimkien fil-"kamra ta' fuq." Dan id-dettal ifakkarna fil-kamra ta' fuq li fiha l-komunità ta' l-Appostli kienet miġbura f'Ġerusalemm wara li Ġesù tela' s-sema (Atti 1:13-14). L-istorja, imbagħad, tiġi drammatizzata meta naqraw kif "wieħed >

IKOMPLI F'PAĠNA 19

naqraw ir-referenzi li jagħmel l-Atti ta' l-Appostli għall-"qsim tal-ħobż" li kien isir fil-laqgħat ta' l-ewlenin Insara f'Ġerusalemm. Huma kienu "jaqsmu l-ħobż bejniethom u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja" (Atti 2:46).

Hawn tajjeb ninnutaw il-paralleliżmu fin bejn l-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws u din l-ewwel ġabra fil-qosor tal-ħajja tal-Knisja f'Ġerusalemm. L-episodju ta' Għemmaws, li nsibuh lejn tmiem l-ewwel volum ta' San Luqa, iseħħ "fl-ewwel jum tal-ġimgħa" (Lq 24:1.13), filwaqt li l-qsim tal-ħobż isir wara u f'rabta mat-tagħlim mill-Iskrittura fuq il-persuna ta' Ġesù (Lq 24:25 27). Din l-istruttura donnha tantiċipa dak li nsibu fil-bidu tat-tieni volum ta' San Luqa meta naqraw kif l-ewlenin Insara "kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-Appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż..." (Atti 2:42).

Jidher li l-ġesti ta' Ġesù fid-dar tad-dixxipli ta' Għemmaws, riflessi fil-verbi li juża San Luqa f'rabta mal-qsim tal-ħobż isiru l-mod klassiku li bih dan l-Evanġelista jirreferi għall-Ewkaristija. Permezz ta' dawn il-verbi, l-awtur jidher li jrid jurina li wara t-tlugħ ta' Ġesù fis-sema huwa kien se jibqa' preżenti f'nofs id-dixxipli tiegħu li jinġabru flimkien, mhux aktar b'mod viżibbli, imma fil-"qsim tal-ħobż."

Fil-fatt jidher li l-espressjoni biblika "il-qsim tal-ħobż" hija espressjoni teknika fil-linwaġġ tal-kult użata għall-ewwel darba mill-Insara tal-bidu biex jitkellmu dwar iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija li kienet tgħaqqadhom flimkien fil-laqgħat tagħhom. Hekk jgħid ukoll San Pawl meta fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin jitkellem fuq l-Ewkaristija: "Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda bil-Grieg: koinonia mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda bil-Grieg: koinonia mal-ġisem ta' Kristu?" (1 Kor 10:16). San Pawl ikompli jemfasizza dan l-aspett ta'



# Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin

## IS-SITTA U GHOXRIN PARTI

**F'din il-ħarġa se nkomplu bir-raba' u l-aħħar parti tal-mawra tagħna fil-knisja ddedikata lil San Franġisk t'Assisi fl-għoti tal-pjagi fil-Belt Valletta.**

Fuq l-artal li jinsab fuq in-naħa tal-kuritur li jagħti għall-kunvent, ezattament fejn l-artal tal-Kunċizzjoni, naraw l-artal tal-Madonna li bil-Bambin Ġesù fi ħdanha qed tagħti ċ-ċinglu, li hu parti mil-labtu tar-reliġjuż Franġiskan lil San Franġisk. Fil-kwadru naraw ukoll żewġ qaddisin oħra. Quddiem dan il-kwadru, li hu maħsub li hu tal-pittur Kalabriż Mattia Preti, nilmħu kwadru ovali ta' San Massimiljanu Marija Kolbe li hu xogħol ta' l-artist Malti Esprit Barthet.

Il-mewt tal-qaddis hi suġġett ta' pittura oħra fl-istess knisja. Din ukoll tpittret minn Ġużeppi Cali fl-1907 u tinsab mas-saqaf tal-knisja fuq il-kwadru l-kbir ta' l-istess Cali li juri l-glorja tal-qaddis. Dwar dan il-kwadru tkellimna fit-tul fl-aħħar ħarġa. Il-kadavru ta' Franġisku b'kurċifiss fuq sidru jinsab f'nofs il-kwadru mdawwar bil-ward u l-anġli. Ir-raġġ ta' dawl li ġej mis-sema jiffokka fuq wiċċ dan il-bniedem qaddis filwaqt li jispikkaw ukoll il-pjagi f'saqajh.

Fil-ktieb tiegħu li semmejna izjed 'il fuq, Ilario Dimech f'pġ30 jgħid hekk dwar dan il-kwadru: *"In quest'opera Giuseppe Cali è riuscito a pareggiare la sublimità tecnica del colorito e del disegno con la bellezza armoniosa di un tema svolto con elegante sobrietà nell'insieme e con accurata delicatezza nei patricolari."* Fil-ktieb li semmejna aktar 'il fuq dwar l-esebizzjoni ċentinarja fuq Ġużeppi Cali f'pġ. 17, insibu dan li ġej: *"The Death of St Francis, seen on an oblong panel nearly, is a still finer piece of work, truly aesthetic in its rendering and saintly and poetic in its inspirations."*

Żewġ xbihat oħra tal-qaddis narawhom f'tondjatura 'l isfel mill-koppla. Dawn i l-pitturi ta' dan il-qaddis saru fl-okkażjoni tas-seba' ċentinarju mill-mewt tal-qaddis Serafiku fl-1926. Il-kwadri, li saru fi żmien il-Gwardjan Patri Ludoviko De Bono, huma xogħol tal-professur Taljan Oreste Carlo Strocco minn Turin. Fil-kwadru li jagħti għall-kuritur tal-kunvent juri l-ħolma tal-Papa Innoċenz III dwar San Franġisk li qed iżomm il-Knisja biex ma tiġġarrafx. L-ieħor, faċċata tiegħu li jinsab fuq in-niċċa ta' l-istatwa tal-qaddis li tinsab fl-istess knisja, naraw lil Ġesù fuq quddiem impitter b'kuluri ċari ħafna



jidher qed iġorr is-Salib fuq spallejh. Hu jidher li qed jistieden lil Franġisku t'Assisi biex jilqa' s-sejħa Evanġelika, jiġifieri, dik li jerfa' salibu ta' kuljum u jsegwi l-passi ta' l-Imgħallem.

Ġanni Vella li pitter il-koppla tal-knisja għandu wkoll xogħol ieħor f'din il-knisja. Fil-fatt hu pitter żewġ kwadri ovali li jinsabu fil-parti l-qadima tal-knisja. Fuq naħa hemm dak ta' San Pietru u San Pawl. Dan nistgħu nilmħuh fuq in-niċċa ta' l-istatwa artistika ta' l Immakulata Kunċizzjoni. Faċċata tiegħu, jiġifieri fuq il-bieb tan-navta li jagħti għall-kuritur tal-kunvent, hemm dak li juri lil San Franġisk t'Assisi u San Duminku ta' Guzman.

Fl-1955, fuq iż-żewġ naħat tal-kor tal-parti l-ġdida tiegħu, saru żewġ kwadri ġodda. Dan seħħ fi żmien il-Gwardjan Patri Luigi Caruana. L-awtur tagħhom kien Rafel Bonnici Cali. Wieħed minnhom juri lill-qaddis t'Assisi jisma' l-leħen ta' l-Imgħallem li qed jistiednu fil-kappella ta' San Damjan sabiex imur isewwi l-Knisja tiegħu. Il-kwadru l-ieħor ifakkarna fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa li seħħet fil-lejl tal-Milied, festa għażiża ferm għal dan il-qaddis, fuq l-għolja ta' Greccio fis-sena 1223.

Ta' dan l-artist, jiġifieri, Rafel Bonnici Cali, huma wkoll żewġ bċejjeċ oħra ta' l-arti. Dawn jinsabu waħda quddiem l-oħra f'nofs tond fil-qrib tal-lunetti maż-żewġ naħat tal-knisja. F'wieħed naraw il-glorja ta' Marija Immakulata u l-qima li l-Ordni Franġiskan kollu juri lejha. Fl-ieħor naraw il-Papa Innoċenz III li qed jagħti l-approvazzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jitwaqqaf il-moviment Franġiskan. •



Tweġiba | P. William Axiaq OFMCap

**Patri, ġeneralment meta nispiċċa mix-xogħol nipparkja preċiżament quddiem il-bieb ta' ommi. Jiena noqgħod fl-istess triq tagħha. Minħabba f'hekk, kuljum nieħu l-okkażjoni biex ngħaddi naraha u nqatta' ftit tal-ħin magħha, fl-aħħar mill-aħħar, din hija ommi l-għażiża. Wara naturalment immur id-dar fejn niltaqa' mal-mara u mat-tfal li għandna. Dan l-aħħar marti ġibditli l-attenzjoni dwar dak li qiegħed ngħidlek, għax tippretendi li wara x-xogħol l-ewwel ma għandi mmur nara lilha u l-bqija tal-familja tagħna. Jiena żbilt u għedtilha li l-ewwel ma tiġi f'ħajti ommi u mhux hi u lanqas uliedna. Tgħidx kemm bkiet, għax issostni li, ġaladarba żżewwiġt, il-mara għandha tiġi l-ewwel u warajha t-tfal u mhux omm ir-raġel. Inti kif taħsibha?**

Kieku għedtli li martek qiegħda tgergirlek talli wara x-xogħol flok tmur tara lilha u lit-tfal l-ewwel, qed tmur il-knisja tagħmel vista lil Ġesù sagramentat, kont ngħidlek biex tieħu ftit paċenzja u ma tkomplix tagħmel hekk la hi tifhimha mod ieħor. Mela kemm iżjed u iżjed ngħidlek biex wara x-xogħol ma taqbadx u tmur tara l-ewwel lil ommok, imma lill-mara u lil wliedek. Dan ifisser li l-mara tiegħek għandha raġun biex tbigħ li qed tieħu għaliha. L-etiquette u ċ-ċiviltà fil-ħajja miżżewġa hekk jitolbu. Ġaladarba inti żżewwiġt, dan ifisser li l-affarijiet ma baqgħux kif kienu qabel mela kont ġuvni. L-affarijiet inqallbu.

Forsi tgħidli li ġaladarba tipparkja eżattament ħdejn il-bieb ta' ommok, ikun ħela ta' żmien toqgħod l-ewwel tmur id-dar u mbagħad terġa' toħroġ biex tmur iżżur lil ommok. Veru. Imma jekk il-mara tiegħek ma tifhimhiex hekk, inti trid toqgħod għall-protokoll tal-ħajja miżżewġa. Nara li anki kieku l-mara ma kinetx tagħmillek plejtu fuq dak li qed ngħidu, xorta waħda kien ikun jaqbillek tagħmel kif suppost għandek tagħmel, għax l-affarijiet hekk imorru fil-ħajja ta' tnejn miżżewġin.

Fl-ittra tiegħek għedt li l-mara tippretendi li wara li tispiċċa mix-xogħol tmur tara lilha l-ewwel u lit-tfal tagħkom, imbagħad ħalli tmur tara lil min ġabek fid-dinja. Il-verb 'tippretendi' ma joqgħodx hawnhekk. Martek m'hiex tippretendi, imma taf sew li kif qed iġġib ruħek magħha u ma' wliedek mhux skond il-liġi. F'kelma waħda, għandha raġun mija fil-mija.

Mela biex ma jinqalax iżjed diskors u nkwiet fir-relazzjonijiet tiegħek ma' martek u dan il-kapitlu tagħlquh, trid tifhimha, fil-każ tagħkom inti trid tobdiha, billi tmut ftit għalik innifsek. Ara ma timpikax ma' martek, għax inti tmur minn taħt. Isma' minni l-ewwel darba li jkollok ftit tal-ħin, kellimha u għidilha li inti kont żbaljat fil-fehma tiegħek u bi ħsiebek tbiddel imġibtek. Inkella tgħidilha xejn u ibda għamel kif għedtlek. Tara kemm iż-żwieġ tagħkom jieħu r-ruħ. Fiż-żwieġ min jidher tellief ikun ir-rebbieħ, iżjed u iżjed fiż-żwieġ nisrani.

Mela tmur għand ommok għedilha li qrajt ittra li kienet tgħodd ħafna għalik u ħadt deċizjoni li se tibda taġixxi skond il-kontenut tagħha. Imbagħad ifrex quddiemha l-argument ta' l-ittra. Ommok bħala mara għaqlija, għax żgur għandha l-esperjenza, altru li tifhmek, tagħtik raġun. Almenu hekk qed naħseb dan il-ħin. Jalla jkun hekk! •

IKOMPLI MINN PAĠNA 15



# Mużew Provinċjali

minn Patri Franġisku Azzopard OFMCap

## Il-Magħmudija ta' Kristu minn San Ġwann l-Għammiedi

**(Avorju: 28 x 18 cm)**



Dan il-grupp huwa xogħol artistiku minqux fl-avorju fil-bidu tas-seklu 18. M'għandna ebda ħjiel dwar min ħadem din ix-xbieha jew fejn saret. Imma bla dubju huwa xogħol fin ħafna u ħareġ minn id imħarrġa sewwa fl-iskultura ta' din l-għamla. B'sengħa kbira, l-artist bena din ix-xena fuq tliet pjani. Quddiem nett qiegħed lil Ġesù jistrieħ fuq irkubbtejh quddiem Ġwanni l-Għammiedi, waqt li dan qiegħed jitfa' l-ilma fuq ras Ġesù minn arzella li qed jgħolli b'idu l-leminija. Fit-tieni pjan naraw żewġ anġli weqfin wara Ġesù jisimgħu lill-Missier jgħid: "Dan hu ibni l-għażiż..." u wara San Ġwann tintlemaħ malajr siġra sabiħa u għolja tal-palm. Fl-isfond jidher l-Ispirtu Qaddis taħt sura ta' ħamiema mdawwar minn sħab għoli, biż-żewġ puttini, wieħed fuq ix-xellug u l-ieħor fuq il-lemin. B'kuntrast qawwi tal-kuluri, ix-xbihat ta' Ġesù u ta' Ġwanni qegħdin fuq blat iswed.

Qabel ma ġġarraf il-kunvent f'April 1942, din ix-xbieha kienet fil-kappella privata tal-kunvent f'niċċa mdaqqsa, imżejna b'ħafna xbihat ta' qaddisin u ornamenti minquxin fil-madreperla. Minn din in-niċċa ma baqa' xejn jew ma nstab xejn. Imma dan il-grupp tal-Magħmudija ta' Ġesù b'xorti tajba ma nqeridx. •

żagħżugħ Ewtiku, kien bilqiegħda f'ħoġor it-tieqa, u ħadu n-ngħas sewwa, għax Pawlu ġibed fit-tul fi kliemu. Fl-aħħar in-ngħas għelbu u waqa' għal isfel mit-tielet sular u refgħuh mejjet" (Atti 20:9). Ewtiku miet waqt li hu kien qed jisma' l-kelma ta' Pawlu fuq il-Mulej Ġesù. Iżda Pawlu hawn jagħmel l-istess ġest tal-Profeta Elija (ara 1Slat 17:21) u l-Profeta Eliżew (ara 2Slat 4:34). "Pawlu niżel isfel, tbaxxa fuqu, refgħu f'dirgħajh u qal: 'Tibżgħu xejn, għax ruħu għadha fih'" (v.10). "Lil dak iż-żagħżugħ ħaduh ħaj u tfarrġu mhux ftit" (v.12). Il-kelma "ħaj" bil-Grieg: zonta hawn hija importanti. San Luqa diġà laqqagħna ma' din il-kelma meta jitkellem dwar Ġesù fl-istorja taż-żjara tan-nisa lejn il-qabar ta' Ġesù. Meta dawn daħlu fil-qabar, raw żewġ irġiel libsin l-abjad li qalulhom: "Għalfejn qegħdin tfittxu lil dak li hu ħaj (zonta) fost il-mejtin?" (Lq 24:5). Fil-bidu ta' l-Atti (1:3-14), imbagħad, naqraw kif Ġesù ppreżenta lilu nnifsu ħaj (zonta) wara l-mewt tiegħu, meta deher lill-Appostli.

Dak li hu interessanti hu li l-kumment ta' San Luqa - "Lil dak iż-żagħżugħ ħaduh ħaj, u tfarrġu mhux ftit" (v.12), isir wara "l-qsim tal-ħobż." Donnu San Luqa qed jorbot dawn iż-żewġ ġrajjiet ma' xulxin. Fl-ewwel jum tal-ġimgħa l-ewwel jum tal-ħolqien dan iż-żagħżugħ sar ħolqien ġdid. Imma dan kollu jsir waqt ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija fost ġemgħa ta' nsara miġbura biex taqsam il-ħobż flimkien.

## L-IKLA TA' FUQ IL-ĠIFEN

Hemm imbagħad l-aħħar referenza għall-"qsim tal-ħobż" fl-Atti. Dan iseħħ fuq il-ġifen li fuqu kien hemm Pawlu akkumpanjat minn numru kbir ta' persuni oħra waqt maltempata ftit 'il bogħod mill-kosta tal-gżejjer Maltin. F'nofs dan ir-rakkont drammatiku, San Luqa jgħidilna hekk: "Pawlu qabad jagħmel il-qalb lil kulħadd biex jitrejqu b'xi ħaġa, u qalilhom: 'Issa ġa ilkom erbatax-il ġurnata tistennew sajmin u ma dduqu xejn. Għalhekk agħmlu l-qalb u trejqu b'xi ħaġa ta' l-ikel; dan jiswielkom għal saħħitkom, għax ħadd minnkom m'hu se jitlef xagħra waħda minn rasu.' Kif qal dan, qabad il-ħobż, radd il-ħajr lil Alla quddiem kulħadd, qasam u beda jiekol. Imbagħad kulħadd għamel il-qalb, u ħadu xi ħaġa ta' l-ikel huma wkoll" (Atti 27: 33-36).

F'din l-aħħar referenza għall-"qsim tal-ħobż" fl-Atti mhux biss naraw l-aspett ta' komunjoni bejn dawk preżenti fuq dan il-ġifen f'nofs ta' maltempata kbira, imma wkoll dan l-aspett hu marbut mas-salvazzjoni (v.34). Pawlu qed jiġi ppreżentat bħala eżempju ta' x'jeħtieġ biex wieħed isalva. Ir-referenza għall-Ewkaristija toħroġ weħidha meta nippruvaw nifhmu l-ġest ta' Pawlu - li qasam il-ħobż u kiel - fid-dawl tar-referenzi l-oħra ta' dan l-istess ġest li nsibu kemm fl-Evanġelju kif ukoll fl-Atti ta' l-Appostli. Bħalma Pawlu u dawk miegħu kien meħtieġ li jieklu sabiex isalvaw, hekk ukoll l-insara f'għaqda ma' xulxin u ma' Kristu, jeħtieġ li jieħdu sehem mill-qsim tal-ħobż sabiex isalvaw!

Meta nqisu dan kollu nikkonkludu li wieħed mis-sinjali l-aktar importanti li jidentifika l-komunità ewlenija nisranija f'Ġerusalemm, bla dubju ta' xejn hu "il-qsim tal-ħobż" li huma kienu jiċċelebraw "fi djar tagħhom ... bi qlub ferħana u safja." Dan il-ferħ li jsemmi San Luqa kien frott il-fidi li din il-komunità kellha fi Kristu Rxoxt li kien qed jgħaqqadhom flimkien bħala aħwa tassew "fil-qsim tal-ħobż." •



# It-Tarka u x-Xabla



**Ix-xemx hija parti ntegrali mill-ħajja tagħna l-Maltin. Niftaħru biha mal-barranin u nirreklamaw pajjiżna blex jiġu turisti jgawdu t-temp sabiħ tagħna. Fil-maġġoranza assoluta tal-ġranet tas-sena f'Malta, it-temp ikun xemxi. Fil-parti kbira tagħna, inħossuna aħjar meta t-temp ikun sabiħ u xemxi. Lejn is-sajf imbagħad, kull *poster* daqsiex biex nibżgħu mix-xemx!**

## Nixxemmxu?

Sa mit-twelid tagħna, nitgħallmu ngħixu bix-xemx tleflef fuq wiċċna. Ommna tieħu l-ewwel opportunità ta' ġurnata xemxija biex toħroġna dawra sabiex turi lil kulħadd it-tarbija ġdida tagħha. Fit-tfulija, ix-xemx hija sinonima ma' rikreazzjoni bla waqfien, ħlief għal xi belgħa ilma. Meta nikbru nindunaw li kif din tidħol wara s-sħab, speċjalment għal ftit ġranet, inħossuna ftit imdejqa għall-ebda raġuni. Hawn min ibati iktar min-normal b'din il-varjazzjoni fit-temp tant li jaffettwa l-burdata u jikkawża forma ta' depressjoni. Din il-kundizzjoni tissejjaħ *Seasonal Affective Disorder* (SAD). Hemm ħafna teoriji għaliex dan jista' jiġri. Waħda minnhom hi li n-nuqqas ta' dawl tax-xemx fix-xitwa jaffettwa l-ormoni tal-ġisem b'dan il-mod. Is-SAD hija iktar komuni fil-partijiet l-iktar 'il-bogħod mill-Ekwatur, forsi għax dawn għandhom inqas sigħat ta' dawl fil-jum u għalhekk wieħed jistenna li din il-kundizzjoni ma tkunx daqshekk komuni f'Malta. Waħda mill-forom ta' terapija għal din il-kundizzjoni hija *Light Therapy*, fejn l-individwu jiġi espost għal dawl artifiċjali għal numru ta' sigħat fil-ġurnata fix-xitwa.

Ix-xemx hija s-sors prim ta' l-enerġija fid-dinja u tagħti l-ħajja lill-pjanti li minnhom jgħixu l-annimali, inkluż il-bniedem. Id-dawl tax-xemx jista' jgħin blex tittaffa l-marda tal-ġilda, *psoriasis*. Mard ieħor tal-ġilda bħal *eczema* wkoll jittaffa bix-xemx. Magni apposta jistgħu jipproduċu r-raġġi tad-dawl tax-xemx li nafu li jagħmlu dan l-effett fuq il-ġilda, filwaqt li jeliminaw kemm jista' jkun, dawk ir-raġġi li nafu li jagħmlu ħsara. Benefiċċju ieħor tax-xemx huwa li din tistimula l-ġilda biex tipproduċi l-vitamina D, li hi essenzjali sabiex l-għadam tal-ġisem jiżviluppa normali. Tfal li jkollhom nuqqas sostanzjali ta' xemx ikollhom problemi fl-għadam waqt li jikbru. Malta m'hawnx dan ir-riskju.

Il-problemi li jiġu minn espożizzjoni għax-xemx żejda huma varji. Dawn



qegħdin niltaqgħu magħhom dejjem iktar. Jista' jkun li qegħdin insibuhom iktar għax nafu bihom u għalhekk iktar attenti għalihom. Iżda jista jkun ukoll li qegħdin ngħixu iktar barra fil-beraħ. Nafu wkoll li l-protezzjoni mill-ozone qiegħda tonqos.

Il-kanċer tal-ġilda huwa l-iktar kanċer komuni, iktar minn tal-pulmun, sider, musrana, kliewi u prostata kollha f'daqqa. L-iktar fattur ta' riskju biex jiġi dan il-kanċer huma r-raġġi *Ultra Violet* (UV), li jinstabu wkoll fir-raġġi tax-xemx. Xemxata qawwija tista' taħraq il-ġilda sew. It-tfal huma l-iktar f'riskju minn esponiment għax-xemx. Nafu li jekk wieħed jieħu mill-inqas żewġ xemxati qawwija li jirriżultaw fi dbabar tal-ġisem qabel ma jagħlaq tmintax-il sena, jirdoppja r-riskju li jiżviluppa kanċer tal-ġilda f'ħajtu. Ix-xemx ukoll iġġiegħel il-ġilda biex tixjieħ qabel il-waqt u titkemmex. L-għajnejn jistgħu jinħarqu minn barra bix-xemx, l-istess bħall-ġilda. Din ġeneralment tfieq, iżda bix-xemx jiżdied ir-riskju ta' kataretti, qarnita u kanċer ta' l-għajn. Esperimenti wrew li r-raġġi UV ukoll ibaxxu s-sistema mmunitarja. Għalhekk jista' jkun iktar faċli li wieħed jieħu nfezzjoni b'riżultat ta' dan. Kull sajf jidħlu l-isptar numru ta' nies, anki żgħar, b'*Heat Stroke*. Ir-raġġi *infrared* tax-xemx isaħħnu l-ġisem tant li jitlef il-bilanċ tat-temperatura u jisħon iżżejjed. Din il-kundizzjoni hija serja u tista' tkun fatali. Kuljum, ir-rapport tat-temp jagħtina l-UV *index* (minn 1 sa 11+). Dan huwa kejl ta' kemm jitla' l-ammont ta' UV f'dak il-jum u għalhekk jagħtina kejl tar-riskju jekk nibqgħu fix-xemx mingħajr protezzjoni għal dak il-jum. Iktar ma jkun għoli, iktar ir-riskju. L-agħar ħinijiet huma dawk ta' bejn l-10 am u l-4 pm.

## IT-TARKA

- Naqqas kemm tista' li toqgħod għax-xemx f'dawn il-ħinijiet.
- Bħala regola, jekk id-dell tiegħek ikun iqsar minnek, ifisser li inti iktar f'riskju mix-xemx u għalhekk sib post delli kemm tista'.
- Ilbes kappell jew beritta u nuċċali tax-xemx li jiffiltra l-UV u tinżax il-ħwejjeġ.
- Uża sunscreen li jkun fih mill-inqas Sun Protective Factor (SPF) 15. Dan jista' jitla' sa SPF 100 li huwa l-iktar protettiv. Wara l-għawm, erġa' applika s-sunscreen.
- Ixrob ilma biżżejjed meta tkun fis-sħana tax-xemx blex tnaqqas ir-riskju ta' Heat Stroke.

Nawguraw li dln ll-forma ġdida ta' din il-marda komuni ma ssehħx u li jekk isseħħ inkunu preparati għaliha.

**Nixtiqilkom is-saħħa u xxemxu bil-għaqal!**

***Jekk għandek xi diffikultà fuq x'informazzjoni li sibt fuq dan l-artiklu, ikun siewi li tkellem lit-tabib tiegħek sabiex tiċċaraha.*** •



# IS-SELF

**Fid-dinja ta' llum, fejn il-konsumiżmu kiber hekk kif jaħdem iżjed u jaqla' iżjed, jibqa' żgur il-fatt illi dan il-fenominu sploda minħabba r-riklamar sfrenat fil-media internazzjonali. Din hija r-realtà llum u ftit minna nistgħu naħarbuha. Hekk kif kulħadd jixtieq dejjem jakkwista iżjed, il-flus jew in-nuqqas tagħhom isiru *sine qua non* – niddejjen u nixtri. Dan sar qisu xi proverbju ġdid. Filosofija moderna li ftit pajjiżi, almenu fid-dinja moderna tal-punent, jistgħu jwarbuha.**



## KIF SE NIDDEJNU?

Jekk xi ħadd irid jixtri dar jew propjetà u m'għandux flus biżżejjed, iżda għandu salarju fiss u jaqlagħha tajjeb jista' jmur il-bank u jissellef sa 80% u ġieli anki 90% tal-prezz tal-fond li jixtieq jixtri. Ovvjament is-self li jieħu jrid jiġi mħallas lura bl-imgħax ta' massimu ta' 8% fuq perjodu twil ta' mhux aktar minn 35 sena. Il-bank jew entità oħra finanzjarja li tkun se tagħti s-self, tkun trid tkun żgura illi dan is-self effettivament se jitħallas lura u dan peress illi żżomm dak li jgħidulu **Ipoteka Speċjali**, **Ipoteka Ġenerali** u **Privileġġ Speċjali** fuq l-istess fond li se ikun jinxtara. B'hekk, jekk Alla ħares qatt min jissellef ma jasalx fil-pagamenti ta' kull xahar, il-bank dejjem għandu "jedd" fuq il-fond inkwistjoni u fl-agħar ipotesi, jista' jġiegħel li l-fond jinbiegħ u mill-flus li jġib jitħallas dak li jkun għadu dovut lilu.

Wieħed però jista' flok jmur il-bank biex jissellef, jixtri xorta l-fond mingħand is-sid u jħallas lura s-somma dovuta "bin-nifs" jiġifieri, l-ammont bilanċjali tal-prezz jitħallas direttament lis-sid b'pagamenti ta' tant fix-xahar jew fis-sena, bl-imgħax sa massimu ta' 8% fis-sena jew mingħajr imgħax skond il-ftehim sakemm jitħallas lura s-self kollu. Is-sid dejjem ikollu d-dritt ta' privileġġ speċjali fuq il-fond mibjugħ biex jissalvagwardja l-ħlas puntwali ta' l-ammont bilanċjali dovut lilu. Meta s-self isir fuq xiri ta' propjetà permezz ta' bank kummerċjali, dan irid isir dejjem f'forma ta' kuntratt pubbliku fil-preżenza ta' nutar. Jekk però xi ħadd irid jissellef somma flus mingħand xi persuna privata għal kwalunkwe raġuni, l-istess self jista' jsir f'forma iżjed sempliċi ta' "skrittura privata" preferibbilment għand nutar jew avukat, illi jkunu jistgħu jkunu x-xhieda ta' dan il-ftehim. Ir-rekwiżiti jibqgħu dejjem:

- l-identità ta' min qed jislef u min qed jissellef,
- l-ammont misluf,
- iż-żmien li fih irid jitħallas lura s-self u
- ir rata ta' imgħax, jekk se jkun hemm interessi dovuti fuq l-ammont hekk misluf.

Wieħed dejjem irid jkun żgur illi meta jitħallas lura d-dejn, għandu jara li l-ipoteka jew privileġġ li jkun hemm irreġistrat kontra min ikun inkorra d-dejn, tiġi kanċellata min-nutar, f'każ illi d-dejn kien sar b'kuntratt. Fil-każ ta' skrittura privata, dikjarazzjoni ffirmata mill-partijiet quddiem nutar jew avukat, illi d-dejn tħallas kollu, tkun biżżejjed. •

# Viżta franterna lill-Aħwa Missjunarji Kapuċċini fil-Viċi Provinċja fil-Kenja mill-Provinċjal Fr Joe Alessandro OFMCap (1)

## 10-28 ta' April 2005

**Fr Joe Alessandro OFMCap, Provinċjal, żar lill-Viċi Provinċja tal-Kenja għall-ewwel darba minn mindu nħatar bħala Provinċjal, f'Mejju 2004. Mal-wasla tiegħu f'Nairobi sab jilqgħuh lill-Viċi Provinċjal Svizzeru, Fr Isidor Peterhans u lill-Fr George Bezzina.**



Il-Patrijiet missjunarji Maltin (Fuq quddiem) Hilary Abela, Maurice Cassar, George Bezzina, Joe Alessandro – Provincjal, John Cassar. (Fuq wara) Emmanuel Barbara, Joe Galea, Spiridione Galea u Pubblio Mair.




Il-missjunarji Kapuċċini Maltin fil-Kenja, li l-għadd tagħhom jilħaq għal għaxra huma mqassmin hekk:

**Westland Nairobi**
Emmanuel Barbara u Publio Mair

**Garissa (Djoċesi)**
l-Isqof Mons. Pawlu Darmanin

**Garissa (Parroċċa)**
John Cassar

**Hola**
Spiro Galea u Joe Galea.

**Malindi (Djoċesi)**
L-Isqof Mons. Francis Baldacchino.

***Msebaha***
George Bezzina

**Mpeketoni**
Hilary Abela u Maurice Cassar

Il-Viċi Provinċja fil-Kenja hija mifruxa fi tliet djoċesijiet: Nairobi, Garissa u Malindi. Imqassmin f'dawn id-djoċesijiet insibu total ta' 71 Franġiskan Kapuċċin bejn Professi Perpetwi, Temporanji u fil-formazzjoni tal-bidu.

Iż-żjara tal-Provinċjal Fr Joe Alessandro bdiet fil-parroċċa ta' Ruiru, djoċesi ta' Nairobi. Din il-parroċċa hija mmexxija mill-Kapuċċini Kenjani. Ruiru jaf l-ewwel preżenza Franġiskana Kapuċċina lill-Patri Francis Baldacchino, illum Isqof tad-Djoċesi ta' Malindi.

Ruiru jiġbor fih preżenza tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù li jmexxu Kindergarten, skola primarja u dar tal-Postulanti, kif ukoll żewġ membri tas-soċjetà tal-MUSEUM li jmexxu Preca College (skola tas-snajja). Il-viżta ta' Fr Joe Alessandro akkompanjat kontinwament minn Fr Isidor Peterhans, il-Viċi Provinċjal, daħlet fir-raba' jum tagħha fid-Djoċesi ta' Garissa. Il-Knisja fid-djoċesi ta' Garissa hija stabbilita f'ħames parroċċi mbegħdin sew minn xulxin u li wħud minnhom huma kbar u b'diversi out-stations. Dawn jinsabu f'Garissa, Hola, Bura-Tana, Wajir u Mandera.



L-ewwel Isqof ta' din id-Djoċesi, li twaqqfet 21 sena ilu, huwa Mons. Pawlu Darmanin. Huwa kien ġie bħala missjunarju fil-Kenja fil-1981, wara li serva fil-Provinċja bħala Ministru Provinċjal mill-1974 sa l-1980.

Bħala assistent għall-Isqof Mons. Darmanin hemm Br John Cassar. Huwa jgħinu fix-xogħol ta' kuntatti mal-missjunarji fid-djoċesi. Ippubblika għall-ewwel darba d-Direttorju tad-Djoċesi fl-2004 u din is-sena beda jżomm lill-missjunarji nfurmati b'dak li jkun qed jiġri fid-djoċesi permezz ta' Newsletter. Mhux l-ewwel darba li jiġi mitlub imur f'parroċċi oħra tad-djoċesi biex jgħinhom fis-sistema tal-kompjuters.



Br John huwa mpenjat f'ħidma pastorali fiż-żewġ out-stations ta' Madogo u Mororo fejn jara li jsiru l-laqgħat tas-Small Christian Communities u l-klassijiet tal-katekiżmu u jżur lill-istudenti kattoliċi fl-iskola sekondarja ta' Madogo. Mill-1999 qed jippubblika fuljett għall-kattoliċi li joħroġ kull xahrejn bl-isem ta' Sauti ya Mwenzi (Leħen is-Sieħeb).

Br John huwa kuntent f'dan ix-xogħol li qed jagħmel. L-isqof mhux biss għandu għajnuna minn Br John imma wkoll wens tajjeb.

Hola kienet tappa oħra fil-programm taż-żjara tal-Provinċjal, Fr Alessandro, fil-Viċi Provinċja tal-Kenja. Hawn ltaqa' ma' Patri Spiro Galea u Fr Joe Galea, il-Kappillan ta' Hola għal dawn l-aħħar 28 sena u s-seba' out-stations tagħha. Flimkien mal-missjunarji Maltin jiffurmaw il-fraternità Kapuċċina f'Hola hemm erba' Kenjani. Fl-istess compound tal-knisja hemm ukoll dar tas-Sorijiet tal-Kongregazzjoni, Sisters of St Joseph of Tarbes

Fil-parroċċa kollha hemm wieħed u tletin Small Christian Community li l-mexxejja ta' kull komunità minn dawn jiltaqgħu darba fix-xahar biex jippjanaw għax-xahar li jkun ġej. Bħala għajnuna għalihom Fr Joe jippubblika fuljett darba fix-xahar bl-isem ta' MWANGA, jiġifieri "Dawl", li fih ikun hemm skemi ta' tagħlim għal kull ġimgħa tax-xahar, riferenzi għall-qari fil-quddies tal-Ħdud, attivitajiet għal matul dak ix-xahar u xi aħbarijiet tal-parroċċa.

Inizzjattiva li ħarġet min-nies lokali hija li darba fix-xahar, fejn ikun imiss, isir lejl sħiħ ta' talb min-nisa, b'Ružarju meditat, qari, talb u kant. Għal matul din is-sena Ewkaristika, qabel jibda dan il-lejl ta' talb, tiġi ċċelebrata l-quddiesa filgħaxija. Hija inizjattiva li jagħmlu ħafna għaliha minkejja li titlob sagrifiċċju mhux żgħir minn dawk li jattendu, speċjalment jekk ikunu ġejjin minn irħula 'l bogħod.

F'dik li hi ħidma pastorali, il-missjunarji huma kollha mpenjati u jaħdmu ħafna flimkien u bi programm tajjeb.Dwar l-aspett soċjali tal-ħidma ta' Patri Spiro u Fr Joe, hemm diversi proġetti li huma f'idejhom:

## TQASSIM TA' IKEL

Ikel li jasal mill-World Food Programme irid jitqassam lil madwar 50,000 ruħ f'diversi rħula tad distrett. Dan il-proġett jitlob monitoraġġ kbir, ħlasijiet ta' burdnara, sewwieqa, monitors, watchmen, flimkien ma' ħafna laqgħat ma' l-anzjani ta' kull villaġġ u rapporti dettaljati lid-donaturi.

## PROĠETTI TA' BINI

Għadu kemm tlesta l-bini ta' skola primarja u diġà hemm erba' klassijiet bl-istudenti f'din l-ewwel sena li fetħet u hemm erba' klassijiet oħra lesti biex jirċievu fihom studenti ġodda fis-snin li ġejjin. Kull ma jonqos huma xi bankijiet għat-tfal li għad iridu jidħlu.

## EMMAUS

Beda x-xogħol fuq knisja ġdida, tonda u kbira li tkun kapaċi tesa' l-insara tal-villaġġ Emmaus, li b'kollox jgħoddu mat-800 ruħ. Il-Provinċjal, Fr Joe Alessandro, bierek u qegħed l-ewwel ġebla ta' din il-knisja nhar il-Ħadd, 17 ta' April 2005.



- Hemm il-ħsieb li tinbena skola sekondarja kif ukoll Ċentru tas-Saħħa li jiġbor fih klinika, faċilità għal-laqgħat ta' infermiera, health carers u attivitajiet oħra marbutin mas-saħħa.
- Dawn l-erba' proġetti huma kollha għall-villaġġ ta' Emmaus fejn il-Patrijiet Joe u Spiro qegħdin jieħdu ħsieb il-bini. Il-missjunarju Spanjol, Josè Luis Orella, li huwa saċerdot kif ukoll tabib, qed jieħu ħsieb it-tmexxija ta' l-iskola u 'l quddiem tal-Ċentru tas-Saħħa.
- Proġett ieħor huwa dak li diversi benefatturi minn Malta jisponsorjaw lit-tfal f'dik li hija edukazzjoni u lill-familji tagħhom f'dak li jkollhom bżonn għall-ħajja u għas-saħħa. Dan il-proġett qiegħed bejn il-parroċċa ta' Hola u l-Uffiċċju tas-Segretarjat tal-Missjoni fil-Provinċja f'Malta.
- Proġett ieħor huwa dak li jgħin lin-nies biex jaħdmu r-raba' tagħhom billi jipprovdilhom pompi u ilma mix-xmara għat-tisqija.
- Patri Spiro waqqaf proġett fuq l-istess compound tal-Missjoni biex, barra li jgħallem lin-nies kif irabbu l-bhejjem u jkabbru l-prodotti agrikoli, iservi fl-istess ħin bħala għajnuna għall-ħajja tal-fraternità.

Hajja Nisranija | Joe Attard (Coach)



LEJN ALLA BL-ISPORT (14)

# IT-TAĦRIĠ FL-ISPORT

**Kwalunkwe attività sportiva teħtieġ taħriġ kontinwu. Ma tistax tilgħab tajjeb u tirbaħ jekk ma titħarriġ fid-dixxiplina sportiva favorita tiegħek. Dan it-*training* irid isir bis-serjetà, b'rieda soda u determinazzjoni kbira. Mill-esperjenza tiegħi fil-coaching, naf biżżejjed, li mhux kull min jattendi għat-taħriġ jieħu l-benefiċċju kollha tiegħu; dan għaliex xi wħud ma jimpenjawx ruħhom biżżejjed f'dak li jkunu jagħmlu. Naturalment, dawn l-istess nies jieħdu għalihom meta l-kowċ ma jinkludihomx fit-tim għal xi logħba. Hija biss il-motivazzjoni tar-rebħ li ġġiegħel lill-players jieħdu t-taħriġ bis-serjetà u għalhekk, il-kowċ dejjem jagħżel lil dawk li jkunu stinkaw biex itejbu il-prestazzjoni tagħhom biex it-tim jirbaħ. Mhux kemm nittrenjaw iżda kif nittrenjaw li hu importanti.**

F'Neħemija (4:6) insibu passaġġ relevanti ħafna għal dak li għedt rigward it-taħriġ fl-isport: *"Għalhekk bnejna l-ħajt; u l-ħajt ġie komplut għax in-nies riedu jaħdmu"*. Immaġina bidwi li jħaddem lil xi ħadd biex joħodlu ħsieb l-annimali li jkollu fir-razzett. Dan il-bniedem jidħol għax-xogħol fis-sitta ta' filgħodu, jieħu l-kafè, jogħnos xi ftit sas-seba' u mbagħad imur jara l-annimali. F'xi l-għaxra jieħu kafè u forsi wara jmur jitma' lill-bhejjem. Jiekol f'nofs in-nhar u jorqod siegħa. Jerġa' jagħmel ir-ronda u jagħti lill-annimali jixorbu. Jaslu l-ħamsa ta' filgħaxija u jitlaq lejn id-dar. Jiġi s-sid u jara li l-ħmieġ ma tnaddafx, il-baqar mhux maħluba, il-qżieqes mitluqin fuq tiben maħmuġ. Ma nagħtix tort lis-sid li jċempel lil min suppost kellu jieħu ħsieb dan kollu biex jgħidlu li l-għada jista' ma jmurx għax-xogħol. Dan il-bniedem, veru li s-sigħat tiegħu għamilħom fir-razzett, imma xogħol ftit li xejn għamel.

Kultant aħna wkoll naġixxu l-istess. Immorru għas-servizzi reliġjużi, ngħidu r-rużarju u kultant naqraw xi ħaġa spiritwali. Dawn affarijiet tajbin u għandhom isiru, imma mhux wara naħlu l-ħin tagħna mixħutin fuq sufan naraw it-T.V., irrispettivament mill-programmi li jkunu jixxandru; jew nokkupaw ruħna f'xi attività rekreattiva għal ħafna sigħat u ninsew inżuru lil min għandu bżonna; ninsew nuru li aħna nsara meta nkunu fil-kumpanija tal-ħbieb. Ninsew għal kollox li Alla poġġiena fl-għalqa tiegħu biex naħdmu. Ir-rekreazzjoni hi importanti, imma ma għandhiex issir l-għan tal-ħajja tagħna. Fit-*training* il-kowċ dejjem jipprova jagħmel ħiltu biex iżomm lill-players tiegħu motivati u anki jagħti ċertu ħin ta' mistrieħ. Dawk li jridu mistrieħ il-ħin kollu jistgħu jibqgħu d-dar.

Alla ħalaqna biex naħdmu skond il-kapaċitajiet tagħna. Mhux se jiġġudikana fuq kemm ngħidulu li nħobbuh, imma fuq ix-xogħol li jkun qabbadna nagħmlu speċjalment bl-opri tal-ħniena, kif qalilna hu stess. Il-kowċ ma jilgħabx lil min jidilku bix-xaħam, kif ngħidu fil-Malti, imma lil min ikun stinka waqt it-*training*. Tiskanta u kultant huwa ta' skuraġġiment tara nies li suppost li huma devoti jqattgħu ħinhom jagħmlu kollox barra x-xogħol li Alla jridhom jagħmlu. Il-qdusija tagħna nsibuha fil-qadi ta' dmirna skond il-volonta tal-Mulej. L-affarijiet reliġjużi l-oħra jgħinuna biex nilħqu dan l-għan ewlieni tagħna.

Innutaw il-kliem ta' Neħemija: *"Għax in-nies riedu jaħdmu"*. Mela jiddependi minna jekk il-Mulej jagħżilniex biex inkunu fit-tim tiegħu. Jekk nirsistu nintagħżlu jekk le jħallina fuq il-bank, kif ngħidu fil- futbol. •



## IL-ĦIDMA PASTORALI MAL-MORDA F'SANTA KLARA

**Aspett ferm meħtieġ fil-ħidma pastorali li qed inwettqu mal-morda huwa l-formazzjoni inizjali u permanenti ta' l-aġenti ta' din il-pastorali. F'ħidma bħal din ma jistax ikun li tibqa' taħdem fuq livell tad-dilettanti. Jeħtieġ li kemm jista' jkun inkunu professjonali. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni Djoċesana tieħu ħsieb torganizza laqgħat ta' formazzjoni tal-bidu għall-Viżitaturi tal-Morda u Ministri tat-Tqarbin ġodda. L-Isqof tad-djoċesi ma jagħti lil ħadd il-mandat sabiex ikun viżitatur tal-morda jew ministru tat-tqarbin qabel ma jgħaddi mill-korsijiet li nagħtu. Dawn huma obbligatorji. Huma korsijiet ta' ġimgħa sħiħa fejn jingħataw konferenzi b'relazzjoni kemm max-xogħol pastorali li jwettqu l-viżitaturi tal-morda kif ukoll ma' dak li jwettqu l-ministeru tat-tqarbin. Nieħdu ħsieb norganizzaw ukoll korsijiet speċjali ta' formazzjoni permanenti għaż-żewġ kategoriji msemmija u mhux inqas għat-tobba u nurses kattoliċi speċjalment dwar it-tagħlim etiku-morali-mediku li tippreżentalna l-Knisja Kattolika. Dan huwa aspett li nisħqu ħafna fuqu mat-tobba u nurses kattoliċi għaliex fil-korsijiet akkademiċi tagħhom, fi Stat ateu bħalma huwa Kuba, dawn il-valuri ma jiġux mgħallma.**

# IL-ĦIDMA PASTORALI TAS-SAĦĦA FIL-KNISJA KUBANA

### FORMAZZJONI

Mal-korsijiet li nagħtu fuq livell ta' formazzjoni pastorali ma nonqsux li nagħtu wkoll formazzjoni reliġjuża u spiritwali. Darbtejn fis-sena jiġu organizzati żewġ irtiri. Wieħed fir-Randan u l-ieħor fl-Avvent, għall-aġenti tal-Pastorali tas-Saħħa fid-Djoċesi tagħna. Kull pareteċipant li jattendi għal mhux inqas minn 70% tal-konferenzi li jsiru tingħata diploma ta' parteċipazzjoni.

Ma' dawn il-korsijiet ta' formazzjoni l-Kummissjoni Djoċesana tal-Pastorali Assistenzjali tas-Saħħa tieħu ħsieb tippubblika żewġ rivisti.

L-ewwel waħda li jisimħa *"SENOR, TU AMIGO EST ENFERMO - ALIVIO"* - li bil-Malti tfisser "Mulej, il-ħabib tiegħek huwa marid - faraħ" (huma kelmiet li nsibu fl-Evanġleju ta' San Gwann 11:3, f'relazzjoni mal-qawmien ta' Lazzru, il-ħabib ta' Ġesù). Din ir-rivista ċkejkna li tiġi ppubblikata kull xahar kien ta bidu għaliha ħuna Patri Francis Baldacchino - illum Isqof ta' Malindi, fil-Kenja, matul is-sena li għadda hawn f'Santa Klara, bħala missjunarju. Fi żmien Mons. Francis, din kienet rivista parrokkjali limitata biss għall-parroċċa ta' Santa Anna, iżda llum b'deċizjoni ta' l-Isqof hija rivista djoċesana. Hija rivista li għandha l-ogħla numru ta' ċirkulazzjoni u hija mmirata prinċipalment għall-morda. Dawn ikunu jistennewha minn xahar għal ieħor u dejjem isibu fiha xi kelm ta' faraġ u għajnuna.

It-tieni rivista ppubblikata mill-Kummissjoni Djoċesana P.A.S. jisimha "ETHOS". Din hija rivista ppubblikata fuq livell akkademiku u xjentifiku. Hija mmirata aktar għall-formazzjoni u informazzjoni tat-tobba u nurses kattoliċi. Il-maġġoranza tal-kittieba huma l-istess tobba li kull tliet xhur jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom f'artikli li jolqtu l-qasam etiku-mediku-morali tas-saħħa. Hija rivista li tiġi mqassma mhux biss lill-aġenti pastorali fil-qasam tas-saħħa fid-djoċesi ta' Santa Klara, imma wkoll jitolbuhielna tobba u nurses barra mid-djoċesi tagħna.

Permezz ta' dawn iż-żewġ rivisti għandna f'idejna mezz ta' komunikazzjoni sabiex inżommu kuntatt kontinwu fuq livell ta' informazzjoni u formazzjoni kemm mal-morda tagħna kif ukoll ma' l-aġenti pastorali fil-qasam tas-saħħa. Fiċ-ċirkustanzi li ninsabu fihom ġewwa Kuba mhuwiex faċli li żżomm żewġ pubblikazzjonijiet. Dan kollu jsir bil-photocopier u jitqassmu bl-idejn. Permess sabiex nippubblikaw dawn ir-rivisti min-naħa ta' l-awtorità ċivili m'għandniex, imma huma jafu u jittolleraw, kif ngħidu aħna l-Maltin: "jagħlqu għajnejhom"; l-importanti li fl-artikli li nippubblikaw ma nidħlux f'politika. •





# Karizma Franġiskana
# MSALLBIN MA' KRISTU (4)

**Xewqa li wieħed jgħix ta' fqir fuq il-passi ta' Kristu fqir twasslet lil Franġisku minn missirijiet il-knisja u l-Monakiżmu u baqgħet predominanti bejn is-sekli IX – XIII, sa ma saret l-emblema Franġiskana u spiċċat biex maż-żmien, anki f'ċerti oqsma li baqgħu jappellaw għalihom infushom bl-isem ta' Franġiskani, ġralhom bħal libsa tal-karti taħt xaba' xita qalila.**

## IL-FAQAR TA' SAN FRANĠISK

Dan il-qaddis, personifikazzjoni tal-faqar Evanġeliku, qatt ma għażel il-faqar bħala għan ma' relazzjoni bejn ħabbàr tas-sultan il-kbir u Kristu fqir. Wara li ċaħad għall-għata kollu ta' ġismu u għall-protezzjoni paterna, u tlibbes b'għata fqir forma ta' salib, fil-kampanja beda l-avventura tiegħu ta' fqir ta' Alla. Hemm iltaqa' ma' xi ħallelin li għall-mistoqsija tagħhom "Min int?" weġibhom, "Jien il-qaddej tas-sultan il-kbir". Bla ma ħasbuha darbtejn tawh xebgħa u waddbuh f'ħofra mimlija silġ u borra. Meta dawn telqu, qabeż 'il barra mill-ħofra u mimli ferħ kompla jkanta b'leħen għoli u jfaħħar 'l Alla bħala l-ħallieq tal-ħolqien kollu. Għal ksieħ li jxoqq l-għadam, għall-faqar assolut, għall-baħħ ta' l-ambjent (bosk) u għall-insulti u s-swat li qala' mingħand il-ħallelin, Franġisku wieġeb b'kant ferħan, imġiba li nisthu nqisuha bħala l-ewwel blanzun tal-'ferħ perfett'.

## GħERUSIJA MISTIKA

Ħafif u lvent bħal għasfur u ħieles mill-irbit ta' kull ġid materjali, ta bidu għall-għerusija mistika mas-Sinjura Povertà, għerusija li biha baqa' ġelosament marbut magħha sa mewtu, għax ħadd qablu jew warajh ma ħareġ jixbah perfettament daqsu lil Kristu fqir. Prova ta' dan insibuha fit-Testment iż-Żgħir iddettat minnu fl-1224 lil Fra Benedittu minn Prato, f'lejl li fih ħassu se jmut b' emoraġija li ġarrab, testment li fih insibu tliet ħwejjeġ marbuta ma' qalbu; li wliedu jibqgħu jħobbu 'l xulxin kif ħabbhom hu, li jkomplu jistmaw u jħarsu lis-sinjura tagħna, jiġifieri l-imqaddes faqar; u li jibqgħu dejjem sudditi u leali lejn l-Imqaddsa Knisja Ommna. Tant tgħannaq mal-faqar għoli Evanġeliku li kien jirrifjuta xi stedina għall-ikel u jippreferi jtaffi l-eżiġenzi tal-ġuħ b'dak li jaqla' mill-karità li jibqagħlhom in-nies. •







# IL-ĦAMES KOLONNI TA' L-ISLAM

**Il-Kredu Islamiku huwa mibni fuq ħames kolonni**

1. **Iman - Twemmin.**
2. **Salah - It-Talb.**
3. **Zakah - L-Għoti ta' karità.**
4. **Is-Sawm.**
5. **Hajj - Il-Pellegrinaġġ.**

## L-EWWEL KOLONNA IMAN - TWEMMIN

Il-Musulman jemmen f'Allah, li hu Wieħed, Għoli u Etern, Infinit u Qawwi, Ħanin u Kompassjonevoli, Ħallieq u Jipprovdi.

Il-fidi titlob fiduċja u tama f'Allah, li wieħed joqgħod għar-rieda tiegħu u jistenna l-għajnuna tiegħu.

Huwa jemmen f'dawk kollha li ġew mibgħuta. Il-Kur'an isemmi l-ismijiet ta' 25 minnhom. Uħud minnhom huma: Noe, Abraham, Iżmael, Iżakk, Ġakobb u t-tribujiet, Mose, David u Isa (Ġesù). Dawn kollha kienu bnedmin li jispiċċaw. Lilhom Allah għażel u tahom missjoni li jirrevelaw ir-rieda tiegħu permezz tal-kelma u l-għeġubijiet. Muħammad mhux biss huwa l-aħħar wieħed, imma wkoll il-ġieh u s-siġill tagħhom ilkoll.

Fuq ix-xhieda ta' dawn il-mibgħuta, il-Musulman jemmen fir-revelazzjonijiet t'Allah u fil-Kotba Mqaddsa kollha. Dawn huma: it-Torah (il-Ktieb tal-Liġi), il-Ktieb tas-Salmi, u l-Kotba ta' l-Evanġelji. Imma għalkemm jemmen fihom, ma jaqrahomx u lanqas jimxi fuqhom għax jgħid li jew m'humiex dawk oriġinali jew li huma mbagħbsa, mibdula jew inkella li m'humiex sħaħ. Jibża' wkoll li forsi għad hemm Kotba Mqaddsa oħra li kemm il-Lhudi u kemm in-Nisrani għadhom ma jafux bihom.

Il-Kur'an isolvilu din il-problema għax dan ma ġiex miktub mill-bnedmin, imma minn Allah. Għalhekk dak kollu li fil-Kotba Mqaddsa l-oħra jaqbel ma' dak







li hemm fil-Kur'an, huwa aċċettat bħala verità divina, imma dak kollu li ma jaqbilx miegħu għandu jiġi miċħud jew inkella miżmum.

Il-bniedem tal-Kur'an jemmen ukoll fl-anġli. Għalih huma esseri spiritwali u sbieħ, li min-natura tagħhom m'għandhom xewqat ta' xejn jew bżonn ta' ikel, xorb inkella irqad. Huma jaqdu 'l Allah lejl u nhar. Huma ħafna fil-għadd u kull wieħed minnhom għandu ħidma partikulari.

Il-Musulman ta' veru jemmen u jistenna l-ġudizzju fl-aħħar jum. Id-dinja xi darba jew oħra trid tispiċċa u l-mejtin iqumu għall-ġudizzju ta' l-aħħar. L-ewwel li jqumu mill-imwiet ikunu l-irġiel. Kull għemil, kull ħsieb, kull kelma, kollox jiġi mniżżel biex fl-aħħar jum jinkixef kollox u jingħata l-premju lit-tajbin u l-kastig lill-ħziena. Ħadd m'għandu jaħseb li mhux se jkun iġġudikat u mogħti l-ġenna nkella l-infern.

Dwar l-għerf u l-pjan t'Allah għad-dinja u għall-bniedem, il-Musulman iżomm li hu għandu jkollu fidi qawwija f'Allah u jilqa' kollox minn idejh. Dan ma jżommx lill-bniedem milli jagħmel pjanijiet għalih, imma fl-aħħar mill-aħħar dawn iridu jkunu skond l-għerf u l-pjan tiegħu.

Allah huwa l-ħallieq tal-ħolqien kollu. Bħala ras ta' dan il-ħolqien insibu lill-bniedem għax ġie maħluq 'il fuq minn kull ħlejqa oħra billi ġie mogħti l-ħsieb, spirtu, u qawwa li bihom jaħdem. Il-fatt li Allah għażel minn fost il-bnedmin il-mibgħutin tiegħu juri li l-bniedem huwa kapaċi u denn li jkun fdat minnu. Naturalment kull bniedem jitwieled "musulman", jiġifieri skond ir-rieda t'Allah.

Il-bniedem ta' l-Islam jitwieled mingħajr id-dnub tan-nisel. Kull bniedem huwa responsabbli għalih innifsu. Għalhekk meta Adam dineb hu kien responsabbli tad-dnub tiegħu u allura kellu jpatti għad-dnub tiegħu. Mod ieħor kien ikun ifisser li bħallikieku Allah ma kienx kapaċi jaħfirlu u allura kellu jagħmel li xi ħadd kellu jifdih. Dan, għall-Musulman, imur kontra il-ħniena u l-ġustizzja t'Allah u kontra l-attribut tiegħu tal-maħfra u l-qawwa li jaħfer.

Għalhekk huma ma jaċċettawx il-fidwa tal-bniedem u tad-dinja bil-mewt u l-qawmien ta' Ġesù Kristu. Għalihom il-passjoni u l-mewt ta' Ġesù tmur kontra l-ħniena divina t'Allah.

Jekk il bniedem hu responsabbli tad-dnub tiegħu, hekk ukoll huwa responsabbli tas-salvazzjoni tiegħu taħt il-ħarsien t'Allah. Dan ifisser li l-bniedem biex isalva jrid jgħaqqad flimkien il-fidi u l-għemil. Il-fidi mingħajr l-għemil hija nieqsa, daqskemm huwa nieqes l-għemil mingħajr il-fidi.

Dan ifisser li l-bniedem għandu jgħix fuq dak li jgħidlu l-Kur'an u t-Tradizzjoni ta' Muħammad.

Il-Kur'an huwa l-kelma t'Allah lil Muħammad. It-Tradizzjoni ta' Muħammad hija l-interpretazzjoni prattika tal-Kur'an. Il-missjoni ta' Muħammad kienet li jgħaddi l-Kur'an kif irċevieh, ifissru u jqiegħdu fil-prattika.

Il-fidi tiegħu, il-Musulman, jgħixha billi jaqdi u jobdi lil Allah. Dan jista' jagħmlu biss kemm-il darba jagħti widen għat-tagħlim ta' l-aħħar 'profeta' Muħammad. •



# ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal, din hi rokna għalikom. Sibu l-kliem mitlufin.

**Mill-Atti ta' l-Appostli**

| | |
|---|---|
| ALESSANDRU | NIKOLA |
| ANNA | PARMENA |
| BARNABA | PONZU PILATU |
| BARSABA | SAFIRA |
| ERODI | SAWL |
| ĠUSTU | STIEFNU |
| GAMALJEL | TABITA |
| ĦANANIJA | TEOFILU |
| KAJFA | TEWDA |
| NIKANOR | TIMON |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | A | B | I | T | A | I | D | O | R | E | N |
| Ġ | U | S | T | U | A | L | R | T | P | U | I |
| B | A | T | G | S | N | B | E | S | R | Q | K |
| A | N | N | A | K | T | O | A | D | W | T | A |
| R | A | K | M | L | F | I | N | S | E | I | N |
| N | R | G | A | I | I | A | E | W | R | O | O |
| A | I | L | L | J | S | P | D | F | M | A | R |
| B | F | U | J | S | F | A | U | I | N | W | B |
| A | A | O | E | Q | W | A | T | Z | I | U | Q |
| P | S | L | L | A | J | I | N | A | N | A | Ħ |
| S | A | W | L | A | R | I | F | A | S | O | W |
| N | I | K | O | L | A | N | E | M | R | A | P |

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14.**

**Ir-Rebbieħa ta' Mejju hija: Mariella Fenech - Naxxar**

**Nifirħulek!**

# TISLIBA - 55



1. u 19. La l-maġi u lanqas dawn. (Dan 2,27) **(9)**
2. Din hi ta' Ibnu l-maħbub. (Kol 1,13) **(6)**
3. Idawruk biha. (Lq 19,43) **(5)**
4. Kienu tnejn ġodda. (Imħ 15,13) **(5)**
5. kellek tagħmel- herba. (Is 37,26) **(4)**
6. Fajjaqni, Mulej, u hekk jiġrili. (Ġer 17,14) **(5)**
7. Biha tnixxef il-ħaxix. (Ġak 1,11) **(5)**
8. Tkiddx lill-bniedem f'dan. (Sir 4,2) **(5)**
9. L-għajn qatt m'għamlet hekk. (1 Kor 2,9) **(6)**
10. Dawn ta' Benħada. (Għam 1,4) **(7)**
11. u 12. Biex... sewwa. (2 Tess 3,12) **(6)**
13. Dan, bqaqen u fisien. (1 Kron 20,3) **(6)**
14. Hekk qaltilhom għall-bibien. (Ġdt 13,11) **(5)**
15. Tal-Fariżej u s-Sadduċej din. (Mt 16,6) **(5)**
16. Mhux... min elf. (2 Mak 5,5) **(5)**
17. Qassis biex jitla' fuqu. (1 Sam 2,28) **(5)**
18. Dan kien seħibhom fix-xogħol. (Film 1) **(7)**
19. Ara 1. **(4)**
20. Bla ma jkebbsuh. (1 Slat 18,23) **(3)**
21. Prezzjuż dan. (Eż 28,17) **(5)**
22. Tal-Maċedonja u t'hawn. (Rum 15,26) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' MEJJU:**
***1. Ftira; 2. Partit; 3. Ġusti; 4. Xaħam; 5. Xrar; 6. Immut; 7. Travu; 8. Abram; 9. Rat; 10. Tfarrku; 11. u 12. Attent; 13. Neqred; 14. Fidwa; 15. Bżonn; 16. Inbid; 17. Emmnu; 18. Imħażen; 19. Hadd, 20. Qum, 21. Widen, 22. Iħenn.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: **Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14***

**Ir-Rebbieħa ta' Mejju hija: Isabelle Scerri - Rabat. Nifirħulek!**

## ESPERJENZA VOKAZZJONALI TA' BR ERIC VELLA OFMCAP

# "META ĦA TKUN TIEGĦEK?"





**Il-modi kif Alla jsejjaħ huma diversi u uniċi għal kull wieħed u waħda minna. Dan il-fatt għalija jgħodd ukoll għax meta nħares lura lejn l-istorja tas-sejħa li l-Mulej jogħġbu jagħmilli nara l-mod sabiħ li hu ħadem.**

Fi tfuliti kont abbati fil-knisja tal-Kapuċċini f'Għajn Dwieli (Paola) u l-iktar ħaġa li baqgħet stampata ġo moħħi hija d-dedikazzjoni li kellhom il-Patrijiet magħna l-abbatini. Ħaġa oħra wkoll li nixtieq insemmi hija l-fatt li peress li l-kunvent ta' Għajn Dwieli huwa d-dar tan-novizzjat kelli l-opportunità li nosserva diversi żgħażagħ fil-bidu tal-ħajja reliġjuża tagħhom. Dan kollu għen biex il-Mulej jiżra' fija ż-żerriegħa tas-sejħa Kapuċċina.

Meta spiċċajt il-form V ma tantx kelli l-ħsieb li nidħol Patri. Fil-fatt kont bdejt kors ta' technician, professjoni li kienet tassew għal qalbi. Kien propju f'dan iż-żmien fejn wara li kien hemm funzjoni fil-knisja (Għajn Dwieli) ta' Professjoni temporanja ta' żewġ novizzi. Kont qiegħed inżarma xi affarijiet minn fuq l-altar u ġie l-Provinċjal ta' dak iż-żmien, Fr Philip Cutajar u qalli: "Meta ħa tkun tiegħek?" Jien kont pront weġibtu: "Min jaf!" Bqajt ħafna naħseb wara fuq dak il-kliem, imma bżajt li kienet xi ħaġa tal-mument. Imma ma kienx hekk għax dak il-ħsieb baqa' jidwi ġo moħħi u fl-aħħar iddeċidejt li nitkellem ma' xi ħadd. Għadu stampat ġo moħħi l-ewwel darba li mort il-kunvent tal-Kalkara fejn isiru l-laqgħat tal-vokazzjonijiet u kien il-bidu ta' triq li għadni miexi fiha. Wara sentejn nattendi l-grupp tal-vokazzjonijiet waslet il-ġurnata li kelli nibda l-postulantant tiegħi (l-ewwel fażi fil-ħajja reliġjuża) u dan kien is-6 t'Ottubru 1994.

L-ewwel ħaġa li fittixt kien li nkun naf tassew x'jitlob li tkun Franġiskan Kapuċċin u kont intqajt ma' frażi li kienet tgħid Kapuċċin għandu jkun *"il frate del popolo"* (il-Patri tal-poplu). Din il-frażi għadha sa llum quddiemi għax mhux biss tgħini biex inkun ta' servizz, imma tagħtini dimensjoni ġdida ta' talb fil-ħajja tiegħi.

Matul iż-żmien ta' formazzjoni kelli diversi opportunitajiet fejn nikber f'din il-ħaġa f'għamliet differenti t'appostolat. L-iktar waħda għal qalbi kienet meta għamilt esperjenza missjunarja fil-Kenja. Wara iż-żmien tal-formazzjoni tal-bidu waslet il-Professjoni perpetwa li kienet fl-1 ta' Novembru 2002, fejn hi opportunità oħra f'ħajti li nduq l-imħabba ta' Alla u nkompli niskopri aktar is-sejħa Franġiskana.

Fil-bidu tal-konverżjoni tiegħu San Franġisk kien imur jgħin lil-lebbrużi li kienu l-imwarrbin tas-soċjetà ta' żmienu. Illum f'pajjiżna l-imwarrbin m'humiex il-lebbrużi, imma xorta waħda hawn nies li huma mwarrbin u dan kien li wassalni biex nattendi għal kors ta' *Social Worker* fejn, permezz tiegħu, il-Mulej fetaħli triq ġdida fil-ħajja tiegħi biex inkun ma' nies li qegħdin ibatu minn dik hekk imsejħa esklużjoni soċjali.

Hemm ħafna aktar mumenti fil-ħajja tiegħi li l-Mulej għoġbu jaħdem, imma l-aħħar ħaġa li xtaqt naqsam magħkom hu l-kliem ta' San Pawl fit-tieni ittra lill-Korintin: **"Dan it-teżor qiegħed għandna f'ġarar tal-fuħħar, ħalli b'hekk jidher sewwa li l-kobor ta' din il-qawwa ġej minn Alla u mhux minna" (2Kor 4:7)**. Dan it-teżor għalija hija s-sejħa tal-Mulej li nkun nisrani fil-qies ta' Franġiskan Kapuċċin. •

## VOKAZZJONIJIET

**Stedina** - Adorazzjoni fil-knisja tal-Kapuċċini, il-Furjana, nhar it-Tlieta, 21 ta' Ġunju u 26 ta' Lulju 2005, fis-7pm., ħalli nitolbu lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema fl-għalqa tiegħu. Ilkoll mistiedna.

# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.



**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil: P. Crispin Tabone OFMCap, Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**